# Leħen il-Punent

Diċembru 2016 - Nru. 26




Sell your property with
www.move2gozo.com
Your local real estate agents in Gharb
SOLD
SOLD
SOLD
SOLD
SOLD
SOLD
Call or email us with your property details or property search requirements
Tel: +356 7963 0221 / +356 2155 0692
Email: info@move2gozo.com
Web: www.move2gozo.com / facebook.com/move2gozo
move2Gozo
Real Estate


free life cover on all personal loans
We all have dreams and wishes in our lives - to refurbish our home, buy a new car, or enjoy being at sea on a new boat we have always wanted. Make your dreams a reality with a BOV Personal Loan.
your success is our goal
BOV PERSONAL LOANS
2131 2020 | bov.com
All personal loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Benefit of free life cover applies to a maximum of €25,000 per loan, until age 69 or until loan account is closed whichever is the earlier.
Terms and conditions apply.
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130
BOV
Bank of Valletta

# Leħen il-Punent


ĦARĠA SPEĊJALI TA' KULL SENA
Diċembru 2016 • Nru 26



Rivista maħruġa mill-
**KUNSILL LOKALI L-GĦARB**
Triq il-Viitazzjoni, l-Għarb GRB1044
Tel: 2156 0556 • Fax: 2156 2727
Email: gharb.lc@gov.mt



• KUNSILL LOKALI GĦARB •

| | |
|---|---|
| Sindku: | David Apap Agius |
| Viċi Sindku: | Carmen Vella |
| Kunsilliera: | Emanuel Muscat |
| | Shirley Anne Cecchini |
| | Anthony Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv: | Emily Amatulli Depasquale |
| Skrivana / Librara: | Christina Camenzuli |
| Staff: | Sandro Cauchi |


Kull korrispondenza għandha tintbgħat lill-"Leħen il-Punent", Kunsill Lokali Għarb



**Ritratt tal-Qoxra:**
Inawgurazzjoni tal-Monument Isqof Nikol Ġ Cauchi - Diċembru 2016


• Grazzi lil-isponsors tagħna tal-għajnuna tagħhom matul is-sena.
• Grazzi wkoll imur għal-kontributuri ta' din il-ħarġa.

Issetjat u Stampat:
**InPrintMalta** - Għarb - 7701 6000


## *F'din il-Ħarġa*


| | |
|---|---|
| 4 | Messaġġ mis-Sindku |
| 7 | Mill-Pinna tal-Kunsilliera |
| 9 | Messaġġ mill-Arċipriet Trevor Sultana / Messaġġ minn Fr. Samuel Grech |
| 10 | Awgurji |
| 11 | Messaġġi mill-Għaqdiet Lokalita' |
| 15 | Proġetti u inizjattivi – 2016 |
| 18 | L-Għarb u l-Kolera tal-1837 skond ir-Rapport tal-'Comitato di Sallute' t' Għawdex |
| 21 | Rokna Saħħa – Ibża' għall-Qalbek |
| 24 | Children's Corner |
| 25 | Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali l-Għarb |
| 28 | L-Iskola Primarja Għarb |
| 29 | Riċetti minn Liża Frendo |
| 30 | Mid-Djarju tal-Kunsill |
| 38 | L-Estimi Finanzjarji |



# Messaġġ mis-Sindku

David Apap
david.apap@gov.mt
79492667

Insellmilkom,

Kif nagħmel ta' kull sena b'pjaċir permezz ta' dan il-messaġġ naqsam magħkom il-ħidma li wettaqna tul is-sena li għaddiet u xi ħsibijiet tiegħi fl-okkażjoni ta' dawn l-festi. Ninsabu f'żmien ta' riflessjonijiet, proponimenti, b'proġettazzjoni għal sena ġdida.

Din is-sena bħas-snin l-imgħoddija, kienet waħda movimentata, esperjenzajna esperjenzi ġodda li tawna sodisfazzjon u oħrajn mhux daqstant.

Jekk inħarsu lura lejn l-aħħar tnax-il xahar, insibu li s-sena 2016 kienet mimlija b'avvenimenti mżewqa b'inizjattivi lokali u oħrajn il-barra minn xtutna.

Ilqajna fil-familji tagħna ulied ġodda filwaqt li sellimna membri oħra għall-ħajja aħjar għal għand il-Mulej. Iċċelebrajna ħafna anniversarji u ċelebrazzjonijiet li jaqduna.

Is-sena li għaddiet kienet mimlija daqs bajda u s-sena d-dieħla ser tkun mhux b'inqas. Insemmi ftit mill-episodji f'diversi oqsma li ġarrabna flimkien u li aktar dettal issibuh fid-djarju ta' din il-ħarġa.

*During this time of year, it is my pleasure to write a message to you to end this year listing all the works which we carried out during the past year and inform you about what we are projecting for the next year.*

*Following are some of the works and activities carried out during 2016:*

Anzjani u persuni b'bżonnijiet speċjali; *Elderly and persons with special needs;*

- Iffirmar ta' kuntratt mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Justyne Caruana sabiex noffru servizz ta' Night Shelter u Day Centre b'inizjattivi immirati għal anzjani aktar attivi u parteċipi fil-komunita' u assistenza għall-persuni b'diżabilita'.
- *Signing of contract with Hon. Justyne Caruana to offer a night shelter and Day Centre Service for the elderly.*
- Ospitajna numru sabiħ ta' persuni b'bżonnijiet speċjali u għamilna disponibli l-faċilitajiet ta' ground sabiex jittrenjaw il-gruppi Għawdxin tal-ispecial Olympics.
- Organizzajna żewġ ħarġiet kulturali bl-aħħar waħda għall-festa fiera ta' San Martin li kienu suċċess u dawk li akkumpanjawna ħadu ħafna pjaċir.
- Kors tat-tablets għall-persuni anzjani u adulti. *A Course in Tablet Computers for elderly persons and adults.*

TFAL U EDUKAZZJONI;

- Bdejna inħadmu ċ-Child Care mill-Kunsill sabiex jibqa' għaddej s-servizz. *The Council started operating the child care centre so that the service won't be discontinued.*
- Ikkollaborajna flimkien mall-Parroċċa sabiex ittella' s-summer club għat-tfal. *Collaboration with the Parish Church to organise the children's summer club.*
- Inxtraw sett togi għall-gradwazzjoni tal-iskola primarja. *Purchase of new graduation gowns for the Gharb Primary School.*
- Żidna aktar kotba fil-librerija. *New books for the library.*
- 'Halloween activity' mall-iskola primarja.
- Għal ewwel darba iċċelebrajna Jum it-Tfal u organizzajna ħarġa għal Malta ġewwa ċ-ċentru ta' Kreattivita' Esplora flimkien mall-iskola primarja, ringrazzjament lil Head tal-iskola Ms Mary Jane Camilleri li qed insibu kollaborazzjoni sħiħa u tat-teachers li għandhom ferm entużjażmu sabiex l-iskola tmur 'il quddiem u tilħaq livelli għolja. *A Visitation to Explora in collaboration with the school as part of the World Children's day.*

ĊELEBRAZZJONIJIET;

- Infiorata għall-festa. *Infiorata during the feast.*
- Jum l-Għarb fejn ingħataw diversi unuri u apprezzamenti. Nieħu l-okkażjoni sabiex nifraħ lil dawk nominati u dawk li għal din is-sena kienu magħżula.
- Inawgurazzjoni tal-Monument ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi. *Inauguration of Bishop Cauchi Monument.*
- Installazzjoni ta' diversi cctv cameras sabiex nikkontrollaw l-abbuż ta' ħmieġ u rimi ta' skart f'ċertu żoni fil-lokalita'. *Installation of CCTV Cameras to control dumping of rubbish around the locality.*
- Rio goes West kienet it-tema tal-karnival organizzat din is-sena u li kien suċċess minkejja il-maltemp li ħakem il-gżejjer Maltin f'dawk il-ġranet.

NGO'S TAL-LOKALITA';

- Ingħatat għajnuna lil diversi għaqdiet tal-lokalita' sabiex flimkien ġew organizzati diversi attivitajiet. *Assistance to Local NGOs.*

AMBJENT;

- Komplejna naħdmu sabiex ikun imwaqqaf pinnur artistiku fiż-żona ta' San Dimitri u tinħoloq żona ta' rikreazzjoni; *Collaboration to set up a wind vane in San Dimitri area including the creation of a recreational area.*
- Tfassal monument għad-daħla tal-lokalita' li ser jitwaqqaf fix-xhur li ġejjin; *Design of a monument to be setup at the entrance of our locality.*
- Jum dedikat għar-reċiklaġġ li inżammet fil-pjazza u kien suċċess, grazzi lil kull min ħa sehem; *Recycle day was organised with success in our locality.*
- Mobility day - ġurnata ta' attivitajiet u organizzajna kompetizzjoni għal dawk li ħadu sehem u tellajna rota tal-elettriku; *European Mobility Day organised in our locality.*
- *Twaħħlu u inxtegħlu madwar 40 bozza ġdida madwar il-lokalita'; Installation of 40 new lamps in our locality.*
- Bdejna skema ġdida ta' ġbir tal-iskart organiku u

introduzzjoni ta' skeda ġdida obligatorja mill-awtoritajiet konċernati; *Introduction of organic refuse schedule.*

- Tindif ta' diversi żoni rurali. *Cleaning of various rural areas.*
- Bini ta' diversi ħitan tas-sejjieħ f'toroq prinċipali *Contruction of rubble walls in the main roads.*

QASAM KOPERAZZJONI BARRANIJA;

- Bdejna nimplimentaw u ħadna l-ewwel żewġ inizjattivi tan-Network Twinning programm. Żorna il-Portugal u aktar tard l-Italja b'numru sabiħ minnkom. *Implementation of the network of twinned towns where we visited Portugal and Italy.*
- Grupp mil-lokalita' pparteċipajna fil-kungress tal-Infiorata ta' Noto fejn l-artist lokali s-sur Michael Bajada ingħata l-possibilita' li jagħmel disinn u jinħadem fl-Infiorata flimkien ma' bosta pajjiżi internazzjonali. Din l-inizjattiva swiet sabiex il-grupp Infioratori Għarb Għawdex setgħet tidħol u ssir membru fl-Assoċjazzjoni internazzjonali "Commissione Gestora Internazionale delle Arti Effimere" *Participation in the international congress of the 'infiorata' in Noto.*
- Bdejna proċess għall-ġemellaġġ ġdid ma' San Polo dei Cavalieri fl-Italja. *The Council started a new process for a new twinning agreement with San Polo dei Cavalieri in Italy.*

RIKONOXXIMENTI U APPREZZAMENTI;

- Spiċċajna għal darb'oħra bħala *runners up* għal EDEN award "Destinazzjoni ta' Eċċellenza fl-Ewropa"; *The Council finished as runners up in the EDEN award.*
- Ġejna rikonoxxuti mill-Gvern bħala lokalita' distinta u ser ningħataw għajnuna taħt il-vot Urban Greening 2017. *The Council has been choosen for funds in the Urban Greening 2017.*

XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI U KAPITALI;

- Rikostruzzjoni ta' Triq San Dimitri; *Construction of San Dimitri Road.*
- Crash barriers u installati barriers bħala protezzjoni f'kantuniera bejn Triq Dun Alwig u Triq Virtut bil-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex; *Installation of crash barriers in Dun Alwig Mizzi Street and Virtu' Street with assistance from the Ministry for Gozo.*
- Bdejna inħejju għall-proġetti akbar ħdejn il-ground u dan sabiex noffru aktar servizzi lilkom ir-residenti. *Preparation of projects near the ground so that we can offer more services to the residents.*

- Għas-sena li ġejja ser nimbarkaw fuq ħafna inizjattivi li mistennija jħallu effetti pożittivi u dehra u ambjent aktar sabiħ sabiex jidgawda minnha r-residenti u minn ħafna turisti li jżuruna minn żmien għal żmien. *For the next year we are going to embrak in new initiatives such as:*
- Installazzjoni ta' Bus shelters flok dawk eżistenti u studju fejn jistgħu jkunu stallati oħra fejn diġa qed jinħass il-bżonn; *Installation of Bus Shelters instead of the existing ones and study where have others installation.*
- Riġenerazzjoni taż-żona tal-pjazza u tal-madwar b'installazjoni ta' qsari u għamara tat-toroq ġodda; *Embellishment of the main square and surrounding areas with installation of pots of new street furniture.*
- Monument dedikat lil Jum il-Lokalita' tal-Isqof Mikiel Molina ser jieħu postu fuq in-naħa tax-xellug tal-Knisja faċċata tal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi; *Installation of Bishop Molina monument on the left hand side of the square.*
- Rinovament tas-servizz tat-toilet fil-pjazza ta' Pinu ser isiru mill-Ministeru għal Għawdex; *Renovation of the public convenience in Ta' Pinu by the Ministry for Gozo.*
- Ftehim milħuq mall-Ministeru għal Għawdex sabiex xogħolijiet li kellhom isiru xhur twal ilu, jitwettqu mill-Kunsill bil-fondi tal-Ministru. Dan il-ftehim sar fuq insistenza tal-Ministru Anton Refalo u li ried li l-lokalita' tal-Għarb ukoll tieħu s-sehem tagħha mill-finanzjament tal-Gvern Ċentrali. Ix-xogħol jikkonsisti fir-rikostruzzjoni ta' Sqaq Numru 2 f'Triq Franġisk Portelli u Sqaq numru 1 f'Triq il-Knisja u Triq Tumas Cassar; *Signing of an agreement with the Ministry for Gozo to carry out works in alleys around the locality.*
- Applikazzjoni sabiex tkun devoluta l-art ta' Wied il-Knisja lill-Kunsill sabiex ikun jista' jtejjeb il-faċilitajiet offruti fiż-żona tal-ground; *Application for the devolution of land in the area known as 'Wied il-Knisja' to carry out new facilities.*
- Preparamenti għax-xogħol f'Triq il-Madonna tal-Virtu; *Preparation for works in Virtu' Street.*
- Fondi Ewropej - il-Kunsill issottometta tlett applikazzjonijiet ġodda sabiex jagħmel xogħol neċessarju f'tlett widien oħra dak ta' Wied Ġulja, Wied ir-Ragħab u Wied il-Wieri li jlaħħaq Wied il-Mielaħ; *Application for EU funds to carry out works at Wied Gulja, Wied ir-Raghab and Wied il-Wieri.*
- Pubblikazzjoni ta' leaflet li ser jitħalla fil-farmhouses u postijiet ta' akkomodazjoni b'informazzjoni utli b'lingwi differenti; *Publication of leaflets for farmhouses with useful information in various languages.*
- Pubblikazzjoni ta' ktieb bl-ingliz fuq l-Għarb; *Publication of an English book.*
- Twaqqif ta' tlett kumitati sabiex iservu f'oqsma bħal ma huma l-edukazzjoni, kultura u ieħor sabiex tkun evoluta l-importanza tal-infiorata; *Setting up of three committees one for education, another one for culture and another one on Infiorata.*
- L-Għarb ser ikun l-ewwel Lokalita f'Għawdex li ser jingħata s-servizz tal-'fiber optic' mill-kumpanija Go. Grazzi lil dawk li kienu nvoluti sabiex dan is-servizz setgħa jibda mill-Għarb. Dan ser jagħmilha aktar faċli għal min juża l-internet b' mod speċjali imma mhux biss għaliex is-servizz tat-telefonija ser jitjieb u ikollna inqas sospenzjonijiet tas-servizz. *Installation of fiber optic service in Gharb by GO plc.*
- Aktar cctv cameras f'żoni oħra sabiex inaqqsu l-abbuż u l-lokalita' tinżamm aktar nadifa u min iħammeġ iħallas. *More CCTV cameras to be installed to control abuse on dumping of refuse.*
- Proġett tal-'youth exchange' ma' Nederlands u l-Italja; *Youth project for Netherlands and Italy.*
- Sinjali indikattivi u informattivi fil-lokalita'. *Directional and information signs in the locality.*

- Dwar l-iskambji internazjonali ser ikollna diversi opportunitajiet fosthom fl-Għid ser inżuru l-Irlanda u għandna ukoll pjanat li inżuru il-Polonja u Repubblika Ċeka pero d-dati għadhom mhux magħrufa. *Various international exchanges where visits will be held in Ireland, Poland, Czech Republic.*

Fil-ħajja nesperjenza wkoll diżappunti u fost dawn insibu – jintemm ħesrem ftehim tal-2009 li kien sar mall-Enemalta sabiex tneħħi linji tal-'high tension' minn fuq iċ-ċimiterju u ż-żona ta' Ħris biex ikollna ambjent aktar nadif bla linji tal-elettriku mill-ajru spiċċat fix-xejn. Ironija u diżappunt għad-deċiżjoni li wara ħafna tlaqlieq spiċċajna sabiex tlifna din l-opportunita'. *Unfortunatly during the year we have had a number of disappointments one of these being the ending of an agreement the Council had reached with Enemalta in 2009 where the high tension cables passing over the cemetry and Ta' Hris area had to be removed to have a cleaner environment. Unfortunatly this opportunity was lost after various meetings.*

It-tieni diżappunt kien meta l-korporazzjoni tal-ilma qed tirrifjuta li tagħti kumpens ta' €35,000 lil Kunsill bħala għajnuna infrastrutturali. *Another disappointment was the refusal of the compensation for a total of €35,000 which Water Services Corporation is refusing to give to the Council as part of assistance for infrustructural works.*

It-tielet diżappunt kien il-ħsara li ġarbu diversi *information signs* madwar il-lokalita' li tkissru min nies vandali u wara li dawn tranġaw reġgħu sfaw il-mira probabli tal-istess nies. Nappella sabiex min jara dawn l-atti jirraporta anke b'mod anonimu sabiex il-Kunsill ikun jista' jinvestiga u jieħu azzjoni. *The third disappointment was the vandalism carried out on information signs around the locality.*

Ir-raba' diżappunt huwa l-għarfien li ż-żona ta' San Dimitri qed tkun proposta sabiex talloka fiha fabbriki u manifattura ta' materjal esplussiv. Il-Kunsill qed jagħmel kull ma jista' sabiex tkun evitata din s-sitwazzjoni. Mhux qed nirreferi għall-ebda applikazzjoni imma mod ħolistiku l-Kunsill ma' jaqbilx li f'din iż-żona jispiċċa jinħadem u maħżun l-esplussiv li jintuża' għal ħażna tal-maġġor parti tal-festi Għawdxin u anke uħud Maltin. *The fouth dissapointment concerned the proposals of a number of fireworks factories in the San Dimitri area. The Council is doing its utmost to avoid this situation. I am not refereing to a particular application but in a holistic way the Council does not agree with having an area full of fireworks which is used for the Gozitan and Maltese feasts.*

B'pjaċir ngħid li ħafna kienu dawk li talbuni nkun spallithom u leħinhom u dan aċċettajt li nagħmlu b' sens ta' responsabilita' u b'diskrezzjoni kbira għaliex nemmen li aħna għandna nkunu ta' servizz għalikom. *With satisfaction I have to say that a number of residents asked me to support them in this initiative and I have accepted to do this with a sense of satisfaction and discretion since I believe that we have to be of service of you.*

Apprezzamenti: Nawgura lill-istaff ġdid tal-iskola primarja taħt id-direzzjoni ta' Ms Mary Jane Camilleri li flimkien mall-għalliema qed jagħtuna possibilta' li nagħtu l-għajnuna tagħna sabiex jitjiebu l-faċilitajiet u ntaffu xi ftit mill-piż tagħkom il-ġenituri. Għal din is-sena skolastika l-Kunsill offra lil kull student 'stationery' bla ħlas, ħallasna għall-ħarġiet u għajnuniet oħra diretta lill-iskola. Il-Kunsill huwa impenjat li jara l-iżvilupp u l-edukazzjoni tal-istudenti tikber, timmiljora u tlaħħaq livelli għola. Awguri u prosit. *Appreciation: I would like to congratulate the new staff at Gharb Primary under the direction of Ms. Mary Jane Camilleri who are giving us the possibility to give our assistance to improve the facilities and parents. For this year the Council has offered free stationery to the students, colloration in outings and other assistance towards the school. The Council is committeed to do its utmost for the students education. Congratulations and best wishes.*

Inwassal ir-ringrazzjament tal-Eċċ. tagħha Marie Louise Coleiro Preca President ta' Malta tal-ġenerożita' tal-poplu tagħna bid-donazzjonijiet għall-Istrina għall-ġabra ta' €489.75.

Nirringrazzja lil Mons. Joseph Sultana tal-ħidma fejjieda li wettaq tul il-parrokkat tiegħu fil-parroċċa tagħna. Kulħadd jirrikonoxxi l-kura bil-qalb u attenzjoni lejn il-patrimonju li tħaddan il-Parroċċa tagħna. Grazzi u nawgurawlek fil-misjoni il-ġdida li għoġbu jafdak biha l-Isqof bħalha Arċipriet tal-Parroċċa u Katidral dedikati lil ta' Santa Marija. *I would like to thank Mons. Joseph Sultana for his works towards our parish and congratulate him for his new post as Parish Priest of the Cathedral.*

Nifraħ u nilqa' fostna lil Mons. Trevor Sultana l-Arċipriet l-ġdid. Nawgurawlu l-ħidma pastorali t-tajba u nitolbu għalih sabiex il-Mulej jagħtih il-grazzja li juża l-għerf dekorat u mogħni bih u jaqgħadd lil din l-parroċċa u l-għaqdiet ikomplu jikkontribwixxu bil-ħidma volontarja tagħhom b'ubbidjenza u direzzjoni ta' Fr Trevor. *I would like to welcome Mons. Trevor Sultana as the new parish priest of our locality.*

Soċjeta' sana trid tkun mibnija fuq ir-rispett tal-valuri. Soċjeta' tista' tevolvi, tista' tibdel ċerti drawwiet, timxi maż-żminijiet: imma hemm ċerti valuri fundamentali li ma jinbidlux, il-lealta', l-onesta', ir-rispett, l-integrita'. Dawn il-valuri għandhom ikun rispettati u għandhom jirregolaw il-komportament tagħna fil-ħajja privata u dak publiku.

L-impenn u t-tamiet f'xulxin iridu jibqgħu jkunu dawk il-kwalitajiet li jagħtuna l-enerġija sabiex minn lokalita' żgħira nkomplu nuru li aħna poplu ħawtiel u ġeneruż u li xejn ma jaqtalna qalbna. Quddiem kull opportunita' jew aħjar sitwazzjoni rridu nibqgħu nkunu b'saħħitna. Irridu li jimpurtana minn dawk li jolqtuna mill-qrib ħalli nagħmlu l-ħajja aktar faċli għal kulħadd minkejja kultant it-tbatija minħabba lsien ta' ħadd ieħor.

Ma jistax jonqos li, f'dan iż-żmien tal-festi, forsi aktar mill-bqija tas-sena, ħsiebna jmur fuq dawk li jinsabu weħidhom, fuq il-morda u persuni bi bżonnijiet speċjali u l-familji tagħhom, fuq dawk li forsi jinsabu bla xogħol jew għandhom xi problema familjari jew jinsabu f'xi diffikulta' oħra. Jiena nħeġġiġkom sabiex issibu mezz u tagħmlu kuraġġ lil min jeħtieġu permezz ta' kelma tajba jew xi turija ta' solidarjeta'. Kull att ta' appoġġ, simpatija u solidarjeta' lejn il-proxxmu għandu valur kbir u jista' jimla l-vojt li jħallu s-solitudni jew il-qtigh ta' qalb.

B'dan il-ħsieb, jiena, flimkien ma' marti Joanne u ż-żewġ ulied tagħna, nawgura minn qalbi lil kulħadd Milied hieni flimkien mall-familja u l-ħbieb u nixtieq sena ġdida mimlija hena, risq u ġid lilkom u lil qrabatkom. *Together with my wife, Joanne and my two children, I would like to wish you all a Happy Christmas and a Happy New Year.*

Il-festi t-tajba lil kulħadd

# Mill-Pinna tal-Kunsilliera





Is-sena 2016 waslet fi tmiema u tagħlaq bil-festi sbieħ tal-Milied, żmien sabiħ ta' ferħ u paċi. Nirringrazzjaw lil Alla ta' tant grazzji li tagħna din is-sena li kienet iddedikata tal-ħniena t`Alla lejna. Il-Kunsill Lokali jwettaq il-ħidma materjali u jagħti anke kas tal-familji u ndividwi li jkunu bżonn ta' xi għajnuna. Eżempju ta` dan hu bħal f`Jum l-Għarb, rikonoxximenti li nagħtu lil dawk li jkunu wettqu ħidma fis-skiet għal tant snin ma' ħuthom fil-bżonn. Il-Kunsill jorganizza ħarġiet kulturali għall-familji u persuni weħidhom. Barra dan għandna anzjani li ta` kull nhar ta` Tnejn jattendu id-'Day Centre' tal-anzjani.

Din is-sena kellna skambju speċjali bħala parti mill-Proġett 'Network of Twinned Towns' ġewwa l-Portugal fejn numru sabiħ ta' residenti tagħna attendew. Kien skambju speċjali u nisperaw li jkollna oħrajn bħalu s-sena d-dieħla.

Il-Kunsill huwa mdaħħal f`ħafna attivitajiet li jsiru fil-parroċċa, bħal fil-festa bl-infjorata, attivita` tal-karnival u oħrajn li jsiru minn staġun għal ieħor. Jistinka wkoll biex isiru diversi korsijiet sew fix-xitwa u oħrajn fis-sajf. Napprezzaw ħafna l-attendenza li jkollna. Jekk xi ħadd ikollu xi ideat oħra barra dawk li qegħdin isiru jċemplilna jew jgħaddi l-idea lil xi membru tal-Kunsill. Il-Kunsill kull xahar joħroġ leaflet 'Il-Pjazza' bl-informazzjoni kollha li jkun se jwettaq jew li jkun sar f`dak ix-xahar. Ta` min japprezza u jaqraha għax jkun fija ħafna informazzjoni utli għal kulħadd.

Il-Kunsill jaħseb ukoll fit-tfal tagħna. Matul is-sena jorganizza attivitajiet għalihom sew fil-Milied, fil-Għid u oħrajn li jsiru b`kollaborazzjoni mall-iskola tal-lokal. Jgħin ukoll fis-summer club li torganizza l-parroċċa. Ta` kull sena jalloka flus biex jinxtraw kotba ġodda għall-librerija tagħna. F`Novembru ċċelebrajna Jum it-tfal ukoll.

Dan l-aħħar qed niffokaw ħafna fuq is-separazzjoni tal-iskart. Ilna xhur naħdmu bil-mod il-mod biex kull famija tissepara l-iskart, imma issa wasal iż-żmien biex nisseparaw fi tlett boroż. Barra dawn għandna 'bring in site' bins u wkoll l-iskips ta' kull ħmistax. L-indafa kulħadd iħobba, għalhekk nagħmlu ħilitna u naċċettaw dawn ir-regolamenti li qed isiru madwar Malta u Għawdex. Il-Kunsill bgħat tagħrif dwar il-ġranet u l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart f`kull dar, u anke dan it-tagħrif kien fuq il-leaflet ta' 'Il-Pjazza'. Aħna l-Kunsilliera flimkien mas-Sindku fil-laqgħat tagħna nwasslu l-ilmenti tar-residenti tagħna w flimkien naraw l-aħjar li jista' isir.

Il-Kunsill tagħna ilu snin jaħdem fuq proġetti kbar, issa wasalna għall-proġett ieħor importanti u bix-xieraq jistħoqq lill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Ilkoll nafu kemm ħadem għall-gżira għażiża tagħna.

Minn dawn il-ftit kelmiet tiegħi nawgura Milied hieni u sena ġdida mimlija b`dak li tixtieq qalbkom paċi, sliem u saħħa. Dawn ix-xewqat ngħaddihom ukoll lill-morda u lill-barranin kollha tal-lokalita' tagħna.

**Carmen Vella**, Viċi Sindku

---



Għal darba oħra wasal iż-żmien li fih tiġi ippublikata r-rivista 'Leħen il-Punent'. Din hija opportunita' għalina il-Kunsilliera li nwasslu messaġġ lilkom, ir-residenti tar-raħal ta' l-Għarb. Dan huwa żgur ta' pjaċir għalija li naqsam magħkom dawn il-kelmtejn li ġejjin.

Nixtieq nibda billi ngħid PROSET u GRAZZI lil Mons. Dun. Joseph Sultana li bla dubju ħa jħalli marka fi qlub il-poplu tal-Għarb, kif ukoll żgur li ħa jibqa imfakkar għal ħeġġa u determinazzjoni li biha rnexxielu jwettaq daqstant proġetti fi żmien relativament qasir. Ngħidlu proset tassew ukoll għal mod kif irranġa ħafna mill-bini tal-Knisja tagħna. Nawguralu li jissokta fil-ħidma tiegħu għal ġid tal-Knisja ġewwa Għawdex bix-xogħol tiegħu fil-Katidral t'Għawdex. Filwaqt illi nilqgħu fostna lir-ragħaj ġdid tagħna Dun Trevor Sultana, li bil-ġentilezza u l-atitudni tiegħu diġa daħal fi qlub kulħadd. Minn hawn nawguralu għal ħidma tiegħu għal ġid tal-komunita' tagħna, kif ukoll inwegħduħ it-talb u l-għajnuna kollha tagħna.

Tul din is-sena kellna bosta attivitajiet fil-lokalita' tagħna, dawk soċjali kif ukoll attivitajiet reliġjużi. Dwar l-attivitajiet li ttellgħu min-naħa tal-Kunsill Lokali, bħal fi snin oħra, rnexxielna nkunu eżemplari. Dan għaliex miċ-ċokon u

l-limitazzjonijiet ta' raħal bħal tagħna naslu ntellgħu attivitajjiet daqstant tajbin. Tajjeb li wieħed jirringrażja lil dawk kollha involuti. Kemm lil min jidher kif ukoll dawk li minn wara l-kwinti jkunu huma li jaħdmu bla waqfien biex dawn l-attivitajjiet ikunu ta' suċċess. Minn Settembru li għadda bdiet titħaddem is-sistema ta' ġbir ta' skart differenzjat. Din is-sistema tidher li qed tindara pero' għad baqa' min mhux ikun konformi mal-ħin tal-ġbir kif ukoll x'tip ta' borża wieħed għandu joħroġ. Il-kooperazzjoni ta' kulhadd hija ferm apprezzata!

Bħala għeluq ta' dan il-messaġġ nixtieq nirringrazja lilkom bħala qarrejja tal-ħin li offrejtuli biex taqraw dan il-messaġġ. Kif ukoll nixtieq nawgura l-Festi t-Tajba lil kull wieħed u waħda minnkom minn għandi u l-familja tiegħi. Huwa żmien sabiħ, żmien ta' divertiment, pero kollox għandu jittieħed b'moderazzjoni.

"To all foreigners residing in our village - I would firstly like to wish you all the very best during the festive season. As residents, for sure you have your own queries and concerns. It's in everybody's interest that you feel welcome in our community. So if you feel the need to raise an issue which you feel requires our attention, please do contact us.

I take this opportunity to wish you a Merry Christmas and a Happy New Year".

Awguri

**Emanuel, Samantha, Samuel & Ema**

---



Dear residents of Għarb,

I have learned over the years of living here and representing you on the Local Council that Għarb may be a small village, but it has a big heart. That is due to the people of Għarb, not just those who were born here, but those who came to make this their home from overseas. We have a blend, a mixture of strengths borne from our own experiences. This is a vital element when the Local Council wishes to discuss and plan for the future, making Għarb a pleasant and safe place to live.

The Local Council has many upgrade projects ongoing and new ones on the way. I would like to mention a couple

1) The new garbage collection - we all received little green baskets from WasteServe. We all thought this won't be big enough! (It is)! Recycling, Bottle Collection. The black bag is (almost) obsolete. This project is so much better for, not only our environment, but our planet.

2) Sunday 4th December was the inauguration of the statue of Bishop Nikol Ġ. Cauchi. The weather was beautiful, after the previous day's cold and rain. Dignitaries and locals alike attended, the band played, a string quintet performed and accompanied three wonderful singers. Then the unveiling, we all held our breath......what a beautiful bronze statue that will adorn our lovely square, for years to come. Our Mayor worked tirelessly for this event to take place, and this particular project was very close to his heart.

I would like to mention that if you have any queries or concerns, regarding our village, please contact the Local Council, who will do their utmost to help you. We would like to encourage feedback from the community.

It remains only to wish you all a Very Merry Christmas and a Happy New Year.

Nixtiqilkom l-Milied it-Tajjeb u Sena Ġdida mimlija risq u hena.

**Shirley-anne Cecchini**, Councillor

---



Għeżież residenti,

F'leħħa ta' berqa reġgħet għaddiet sena oħra. Il-Milied reġa' magħna u hekk ukoll il-ħruġ tar-rivista ta' Leħen il-Punent.

Il-ħidma bla heda fi ħdan il-Kunsill kompliet matul is-sena kollha. Ir-responsabilita' tiegħi kienet iffokata fuq l-indafa u l-ħarsien rurali. Il-Kunsill joffri diversi servizzi biex jgħin lir-residenti izommu ir-raħal tagħna nadif. Servizz utli li joffri l-Kunsill u li nħeġġiġkom tagħmlu użu minnu hu s-servizz tal-ġbir goff ta' l-iskart li b'telefonata lill-Kunsill jiġu l-ħaddiema tagħna ġo darkom u jieħduh għar-rimi. Bħalissa f'Għawdex għaddej proġett pilota fuq is-sistema tal-ġbir tal-iskart fejn kulħadd imħeġġeġ jibda juża l-borża l-bajda ghall-iskart organiku. Nitlobkom tosservaw il-ġranet u l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart ħalli nżommu it-toroq tar-raħal tagħna ndaf u ma jinħolqux inkonvenjenzi.

Il-Kunsill għandu diversi pjanijiet u proġetti rigward toroq u passaġġi fil-kampanja. Fosthom it-tindif u l-irranġar tal-mogħdijiet u l-widien. Min iħoss li għandu xi kumment jew suġġeriment, aħna il-kunsilliera lesti li nisimgħu bil-qalb kollha u naġixxu fejn nistgħu għall-ġid tar-raħal tagħna.

Nagħlaq dawn l-erba' versi billi nibgħat l-awguri tiegħi u tal-familja tas-Sindku, lil sħabi l-Kunsilliera, l-istaff tal-Kunsill u fl-aħħar iżda mhux l-inqas ir-residenti tar-raħal tagħna, Milied hieni u sena ġdida mimlija saħħa u ġid.

**Anthony Camilleri**, Kunsillier



**Mill-Arċipriet Trevor Sultana**

# Messaġġ

L-ewwelnett nixtieq nirringrazzja lill-Kunsill Lokali li qed jagħtini l-opportunità biex għall-ewwel darba nwassal il-messaġġ tiegħi fuq din ir-rivista bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-parroċċa tal-Għarb.

Il-ġrajja tal-Milied kienet, għadha u tibqa' ssaħħar lill-bniedem ta' kull żmien minħabba li tolqot diversi aspetti tal-ħajja umana. Minn naħa hija ġrajja ta' miżerja, ta' faqar, ta' nuqqas ta' aċċettazzjoni, ġrajja li min jismagħha jibqagħlu sentiment ta' kompassjoni lejn din il-koppja żagħżugħa, mifxula, mingħajr għajnuna ta' ħadd.

Min-naħa l-oħra, iżda, din hija l-ġrajja ta' Alla li sar bniedem, hija ġrajja li fis-sempliċità tagħha tgħin lil kulħadd iħossu parti minnha. Bħalma jiġri lil tifel żgħir li quddiem il-presepju jkun jixtieq jidħol u jitwaħħad ma' dawk il-pasturi biex jagħmel l-esperjenza tagħhom, hekk jiġri wkoll lilna li f'din il-ġrajja naraw lilna nfusna hemm preżenti maġenb it-tarbija ta' Betlehem bix-xewqa li nistkennu mit-tbatija li taħkimna f'din il-ħajja.

Il-ġrajja tal-Milied għalhekk hija traġedja li tinbidel f'barka, tbatija li tinbidel f'ferħ, fixla li tinbidel f'paċi u faqar li jinbidel f'nobiltà. Dan kollu għaliex Alla 'nbidel' fi (sar) bniedem.

Jalla l-Milied jgħinna nħossu din il-bidla – li quddiem it-tbatija tagħna naraw tama, quddiem il-ġlied u l-mibegħda tagħna tfeġġ il-paċi, mal-faqar u x-xejn tagħna nżidu lil Alla li hu kollox. Jalla, bħall-ġrajja tal-Milied, storja miskina li nbidlet f'barka, hekk l-istejjer tagħna jirnexxielna nibdluhom f'tagħlima, għalina u għall-oħrajn; nibdluhom f'okkażjoni biex nindunaw li waħedna ma naslux u nirrealizzaw min huma l-persuni li verament iħobbuna.

Fl-aħħarnett jalla dan il-Milied jiftħilna qalbna għal min hu fil-bżonn biex il-bidla ma ssirx biss fil-ħajja tagħna imma wkoll nibdlu għall-aħjar il-ħajja ta' xi ħadd ieħor, li bħal Marija u Ġużeppi iħabbtilna biex isib post fil-qalb tagħna.

Minn qalbi nawguralkom Milied qaddis li fih induqu xi ftit l-imħabba tal-Missier li fit-tarbija ta' Betlehem jitbissem u jwennes lid-dinja.

Il-Milied u s-Sena t-tajba!

---



**Fr Samuel Grech**

# Messaġġ

Bil-għajnuna t'Alla bdejna sena pastorali ġdida u dan ifisser fost l-oħrajn li ssuktaw il-laqgħat għall-adoloxxenti u Ż-Żgħażagħ tagħna fiċ-Ċentru Parrokjali.

Kull nhar ta' Tlieta jkollna l-laqgħa tal-Grupp tal-Adolexxenti ż-żgħar li huwa magħmul minn studenti li l-etajiet tagħhom ivarjaw minn 12-14-il sena. L-istudenti janimaw bil-kant il-quddiesa tat-Tlieta filgħaxija u wara jiġu ċ-Ċentru għal-laqgħa. Nista' ngħid b'sodisfazzjon li qed ikollna parteċipazzjoni sabiħa ħafna u mqabbel mas-sena l-oħra żidna fin-numru. Xi ħaġa li nħoss li għenet ħafna sabiex jinbena dan il-grupp hi li t-tagħlim jiġi mgħoddi bl-għajnuna ta' logħob u l-użu tat-teknoloġija l-ġdida, b'tali mod li l-istudenti jieħdu gost jitgħallmu. Barra minnhekk matul is-sena jkollna diversi attivitajiet oħra li jkomplu jgħaqqduna bħala grupp.

Kull nhar ta' Erbgħa mbgħad jiltaqa' l-grupp taż-żgħażagħ il-kbar taċ-Ċentru bl-etajiet tagħhom ikunu minn 18-il sena 'l fuq. Il-laqgħat jiffukaw baŻikament fuq il-kmandamenti bħala linji-gwida għalina fil-mixja tagħna ta' Nsara.

Finalment, nhar ta' Ġimgħa ssir il-laqgħa tal-Adolexxenti l-kbar li huwa ffurmat minn studenti tal-Form 5, 6$^{th}$ Form u anke xi universitarji. Nista' ngħid li anke hawnhekk ikollna diversi laqgħat interessanti u l-parteċipazzjoni qegħda tkun waħda inkoraġġanti. Inħeġġeġ liż-żgħażagħ ta' din il-kategorija sabiex jingħaqdu magħna f'din il-mixja sabiħa flimkien.

Nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-animaturi li jgħinu fl-organizazzjoni ta' dawn il-laqgħat li bil-għajnuna tagħhom isiru bost inizjattivi għall-ġid ta' wliedna.

Mill-ġdid grazzi lilkom ilkoll u nitlob il-barka t'Alla fuqkom.






*Il-Kunsill Lokali l-Għarb jagħti merħba*
*u jifraħ ma l-Arċipriet il-ġdid Mons. Trevor Sultana*
*fil-ħatra l-ġdida tiegħu, nawgurawlu u inwiegħeduh*
*koperazzjoni u l-għajnuna li ikun jeħtieġ.*

*Nirringrazzjaw lil Mons. Joseph Sultana*
*tal-ħidma tiegħu fil-parroċċa tagħna u nawguralu*
*għal-ħatra il-ġdida bħalha Arċipriet tal-Katidral.*



# *Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalita'*



**Il-Kunsill ta' kull sena jistieden lill-Għaqdiet Lokali sabiex permess ta' 'Leħen il-Punent' jibgħatu l-messaġġ tagħhom lir-residenti tal-lokalita'. Hawn taħt qed jiġu ippublikati l-messaġġi li l-Kunsill irċieva mingħand l-għaqdiet.**

## *Leġjun ta' Marija*



Il-Leġjun ta' Marija jixtieq jaqsam mal-qarrejja ta' 'Leħen il-Punent' xi ħsibijiet tal-Papa Franġisku dwar dawn il-jiem tal-Milied.

Il-Papa jfakkarna li "Il-lum twieled l-Iben ta' Alla: kollox inbidel. Il-Feddej tad-dinja jiġi biex jieħu sehem fin-natura tagħna ta' bnedmin, m'għadniex waħedna u mitluqa. Il-Verġni toffrilna lil Binha bħala bidu ta' ħajja ġdida. Id-dawl veru jiġi biex idawwal il-ħajja tagħna, spiss magħluqa fid-dell tad-dnub. Il-lum niskopru mill-ġdid min aħna!

… F'soċjetà spiss xurbana bil-konsum u l-pjaċir, l-abbundanza u l-lussu w' id-dehra ta' barra, Hu jsejħilna għal imġiba fir-rażan, jiġifieri sempliċi, ibbilanċjata, koerenti, kapaċi tifhem u tgħix l-essenzjal. F'dinja li ħafna drabi hi iebsa mal-midneb u ratba mad-dnub, hemm bżonn inrawmu sens qawwi tal-ġustizzja, fejn infittxu u nqiegħdu fil-prattika r-rieda ta' Alla. F'kultura ta' l-indifferenza, li mhux darba jew tnejn tispiċċa tkun qalbha ħażina u kiefra, l-istil ta' ħajjitna għandu jkun mimli bit-tjieba, bil-kompassjoni, bil-ħniena, waqt li ta' kuljum jixrob mill-għajn tat-talb.

... Kif ġralhom ir-ragħajja ta' Betlehem, ħalli għajnejna wkoll jimtlew bl-għoġba, u nikkontemplaw f'Ġesù Tarbija lill-Iben ta' Alla. U, quddiemu, ħa tnixxi minn qlubna t-talba: 'Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek, u s-salvazzjoni tiegħek agħtina'".

Tajjeb li naħsbu ftit fuq dak li qed igħidilna Papa Franġisku biex hekk dik ir-rieda tajba li soltu nuru ma' xulxin fil-jiem tal-Milied ma tkunx waħda falza iżda tkun waħda ġenwina li tkompli matul il-jiem kollha tas-sena.

Il-Leġjun ta' Marija jixtieq Milied Ħieni u s-Sena t-Tajba lin-nies kollha tal-Għarb u lil dawk kollha li, min għal ftit jiem u min għal żmien itwal, jogħoġobhom jiġu joqogħodu f'dan ir-raħal żgħir tagħna.

## *Azzjoni Kattolika*

### Ikun Imfaħħar Ġesu Kristu

Bħas snin l-oħra ġejna mistiedna mill-Kunsill Lokali biex inwasslu l-messaġġ u x-xewqat tajba għall-Milied u s-Sena l-Ġdida .

Għal grazzja t'Alla erġajna bdejna niltaqgħu għal-laqghat ta' l-Azzjoni Kattolika wara l-waqfa tas-Sajf . Din is-sena l-Arċipriet qed ifisrilna ħafna mill-kitbiet ta' Santa Madre Theresa. Nieħu biss tagħlima waħda minn ta' din l-qaddisa ta' żmiena. Darba waħda xi sorijiet minn tagħha qalulha biex jibdew jilbsu l-maskla fuq fommhom biex ma jieħdux mikrobi mingħand l-morda iżda hi qaltilhom LE għax hekk ma jkunux jistgħu jaraw it-tbissima tagħna. Għandna nitgħallmu mill-ħajja tal-qaddisin li jekk iridu nkunu ferħanin ngħixu fl-imħabba, għaqal u prudenza. Noqogħdu attenti biex fl-imġieba tagħna nkunu ferħanin biex inferħu lill-oħrajn mhux fil-Milied biss iżda tul il-ħajja tagħna kollha biex hekk inkunu nistgħu ngawdu l-ferħ għall-eternita'.

Nagħlaq billi nawguraw il-Milied it-Tajjeb u s-Sena l-Ġdida lill-Arċipriet , lis-saċerdoti kollha u lill-parruċċani kollha tal-Għarb.

## *Kumitat Festa tal-Viżitazzjoni*

**Leonard Spiteri** – Segretarju

Reġa wasal dan iż-żmien sabiħ tas-sena fejn għal sena oħra ser inwassal il-messaġġ tiegħi f'isem il-kumitat tal-festa fuq 'Leħen il-Punent'. Dan ikun ifisser li jkunu ġa għaddew sitt xhur mill-festa u jkun fadal daqshekk oħra biex nerġgħu niċċelebraw festa oħra.

Nistgħu ngħidu li din is-sena kellna festa kbira bħas-snin l-imgħoddija. Bdejna bl-inawgurazzjoni tal-maħżen tal-armar fejn wara ħafna xogħol mill-voluntiera tul dawn l-aħħar snin irnexxielna nagħlqu dan il-proġett. Dan seħħ ukoll grazzi għall-ġenerożita kbira tagħkom. Din is-sena inġabar aktar armar f'dan il-maħżen f'aktar wisgħa biex b'hekk issir ħafna anqas ħsara. Mill-qasam tal-festa nistgħu ngħidu li kellna ġimgħa mimlija u l-attendenza ta' nies minn barra ir-raħal kull sena qegħda tiżdied.

Din is-sena wkoll rajna armati t-trofej tal-pjazza fuq stil venezzjan. Għas-sena id-dieħla hemm il-ħsieb li jkunu lesti minn kollox. Għal ma dawn it-trofej qed jinħietu sett bandalori minn Marija Piscopo u qed jiġu sfumati minn Michael Bajada. Fuq dawn l-istess bandalori ser jitpoġġew il-papiet li kellhom x'jaqsmu mall-parroċċa tagħna. Kif stajtu taraw ukoll, fit-triq l-Għarb iżżanżnu żewġ pavaljuni tad-drapp. B'kollox ser ikun hemm ħamsa li ser jkunu juru t-titli li għandha l-knisja tagħna. Għas-sena d-dieħla beda x-xogħol fuq sitt kolonni li jintramaw minn quddiem il-każin tal-futbol 'il-fuq. Ser isiru l-istess stil tat-trofej tal-pjazza u fuqhom jitkomplew il-bandalori bix-xbiehat tal-papiet. Kull min jixtieq jgħin f' xi wieħed min dawn il-proġetti jkellem lil xi membru tal-kumitat tal-fiduċja tagħkom.

Mill-qasam piroteknku, stajtu taraw li kellna ħarqa xierqa għas-sitwazzjoni preżenti li Għawdex qiegħed fiha. Il-biċċa l-kbira tan-nar inħaddem mill-pirotekniċi tar-raħal tagħna. Li kieku ma kienux huma, ma kienx ser ikun hemm dak in-nar għax illum in-nar jiswa l-flus. Ta' min japprezza x-xogħol ta' dawn il-membri li jaħdmu ħafna matul is-sena u jkunu l-bogħod mill-familji tagħhom.

Nhar l-4 ta' Novembru ġriet l-aħbar li Mons. Isqof ħatar lill-arċipriet ħabrieki Mons. Joseph Sultana arċipriet il-Katidral. Bħala suċċessur tiegħu nħatar Mons. Trevor Sultana biex ikompli jmexxi l-parroċċa tagħna. Ma nistgħux ma nirringrazzjawx lil Mons. Joseph Sultana għal dak kollu li għamel fir-raħal tagħna kif ukoll fil-qasam tal-festa f'dawn l-aħħar sitt snin. Nistgħu ngħidu li taħtu l-festa ħadet xejra differenti; żdied l-armar fid-dawra tal-purċissjoni, nbeda ħafna restawr fuq l-armar li kien wasal biex jispiċċa, speċjalment diversi statwi, bdiet issir il-velja ta' talb li l-qofol tagħha jintlaħaq bil-ħruġ tal-vara min-niċċa u fl-aħħar u mhux l-anqas inbena maħżen imdaqqas il-ġmiel tiegħu li tħallas kollu, biex jinġabar dak kollu li hu tal-parroċċa. Hu kien l-moħħ ta' dan kollu u ta' ħafna aktar! F'isem il-kumitat nirringrazzjah ta' dak kollu li għamel għalina u għal ta' warajna. Mill-banda l-oħra l-kumitat tal-festa jaghti merbħa lill-arċipriet il-ġdid Mons. Trevor Sultana. Bħala kumitat inwegħduk il-koperazzjoni u l-għajnuna kollha tagħna.

Nikkonkludi dan il-messaġġ billi nirringrazzja lil dawk kollha li jgħinu lill-kumitat biex ikollna festa kbira u xierqa ad unur il-patruni tagħna l-Madonna u Santa Eliżabetta. Nħeġġiġkom tattendu l-attivitajiet li jorganizza l-kumitat fejn tkomplu tagħmlulna kuraġġ naħdmu. Nikkonkludi billi f'ismi u f'isem il-kumitat nixtieq il-Milied u s-Sena t-tajba mimlija għaqda, risq, hena u barka lill-poplu kollu tal-Għarb inkluż l-emigranti barra minn xtutna!

## *Ċentru Parrokkjali*

**Sammy Mizzi** – Segretarju

Iċ-ċentru parrokkjali huwa binja li l-bibien tagħha dejjem miftuħa. Dejjem lest li jilqagħna u dejjem inħossuna familjari u ta' ġewwa! Xieraq li nagħtu titwila lejn il-ħidma li titwettaq fiċ-ċentru parrokkjali tagħna b'mod okkażjonali. Għalhekk ser insemmu l-ġrajjiet ewlenin taċ-ċentru matul din l-aħħar sena.

- **Ristrutturar taċ-Ċentru:** Kien ilu meħtieġ il-bżonn li ċ-ċentru parrokkjali jadegwa lilu nnifsu għall-ħtiġijiet u l-istandards tal-lum. Għalhekk il-kumitat fassal pjan ta' ħidma li bil-għajnuna tal-Arċipriet bħala direttur taċ-ċentru rajnieh jiżvolġi ruħu ftit ftit fuq medda ta' sena. L-ewwel nett ġie utilizzat l-ispazju li kien hemm taħt il-palk fejn saret kċina mgħammra b'kollox biex tintuża mill-għaqdiet fl-attivitajiet ta' *fundraising* li jiġu organizzati. Sar ukoll tiġdid u tisbiħ fis-sular ta' fuq li qiegħed jintuża kontinwament minn Dun Samuel Grech fil-laqgħat li jkollu mal-adoloxxenti u ż-żgħażagħ. Bl-inizjattivata l-*Bake Sale* li organizzaw l-adoloxxenti ġiet mgħammra l-*games room* ġdida, sar tibjid ġenerali tas-sular kollu, adattament tal-ispazju kollu biex ikun adatt għall-attivitajiet pastorali. Imma l-akbar ħidma kienet ikkonċentrata fil-parti t'isfel taċ-ċentru fejn il-bar ġie ristrutturat u adegwat biex jinħoloq ambjent aktar modern. Saru ħafna spejjeż imma emminna li dan kien meħtieġ biex il-bibien taċ-ċentru jibqgħu miftuħa.
- **Summer Club 2016:** Għal dan is-sajf erġgħajna organizzajna s-*summer club* li issa daħal fil-ħames edizzjoni tiegħu. Attendew madwar 40 tifel u tifla. Ngħidu grazzi lis-Sem. Daniel Mercieca u Ms Monica Zerafa għad-dedikazzjoni tagħhom tul ħames ġimgħat sħaħ. It-tfal kellhom tagħlim fil-fidi, taħriġ f'diversi snajja, kelliema li tawhom tagħrif

siewi marbut mal-*first aid*, kura tas-snin u bini tal-presepju. Saru wkoll ħarġiet kulturali kif ukoll mawriet għall-bahar. Grazzi lill-Kunsill Lokali l-Għarb li jagħti l-għajnuna finanzjarja tiegħu biex dan ikun possibbli.

- **L-ewwel edizzjoni tal-WATER FUN GAMES:** Dawn ġew organizzati nhar is-Sibt 23 ta' Lulju bil-parteċipazzjoni ta' madwar 70 kompetitur bejn tfal u adoloxxenti. Grazzi speċjali lill-kumitat taċ-ċentru li organizza dan il-logħob u serva ta' divertiment wisq apprezzat mit-tfal tal-parroċċa. Grazzi lill-Kunsill Lokali l-Għarb tal-għajnuna tiegħu.
- **Il-Ballata: L-GĦANJA TAL-PUNENT:** Imma bla dubju l-aktar mument li jibqa' miftakar tul din l-aħħar sena kien il-ballata li ttellgħet fil-pjazza tar-raħal mit-tfal tal-parroċċa. Fuq kitba ta' Fr Geoffrey G. Attard, u direzzjoni artistika ta' Ms Monica Zerafa u s-Sem. Daniel Mercieca għall-ewwel darba ġiet ippreżentata fuq il-palk l-istorja tar-raħal tal-Għarb imżewwqa minn drama, żfin, balet, dwal, mużika u kant flimkien ma' projezzjonijiet viżwali. Tul serata ta' madwar sagħtejn stajna naraw l-istorja ta' l-aħħar 400 sena tar-raħal tagħna tal-Għarb. Ġie provdut ktejjeb bil-lirika kollha kif ukoll wieħed seta' jakkwista DVD kif ukoll CD bil-kant kollu li kellu arranġament mużikali oriġinali tas-Surmast Antoine Mercieca u Anna Marie u Christiana Cassar.

## *Għaqda Mużikali Viżitazzjoni*

**Adrian Formosa** – Segretarju

Sinjuri, għal darb'oħra erġajt qed niktbilkom dawn l-erba' versi illi fihom ser inkun qed insemmilkom diversi aspetti tal-ħidma li ssir fil-komunita' tagħna mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni. Din kienet sena oħra fejn l-Għaqda ħadmet bla heda għall-ġid ta din il-komunita'. Saru diversi attivitajiet fejn l-istess għaqda pparteċipat bis-sħiħ, fosthom f'purċissjonijiet reliġjuzi u f'attivitajiet oħra ta' divertiment fejn konna fuq quddiem biex nagħtu servizzi ta' livell li żgur jagħmluna kburin. Il-Banda dejjem tagħmel minn kollox sabiex tagħti isem xieraq lil raħalna. Kellna diversi servizzi matul din is-sena, u f'festi barra mir-raħal tagħna, fejn kellna l-unur li nirrappreżentaw lil raħalna. Imma dan ma kienx ikun possibbli mingħajr is-sagrifiċċji kbar li jagħtu l-bandisti, il-kumitat u kif ukoll għadd kbir ta' *helpers* oħra. Is-soċjeta' tagħna hi għalhekk waħda mill-ikbar għaqdiet f'raħalna, peress li tinvolvi ammont kbir ta' persuni, min bħala bandist; min bħala membru fil-kumitat u min jiġi jagħti daqqa t'id. Dawn in-nies jiġu jagħmlu dan kollu b'mod volontarju u għalhekk, żgur li l-għaqda tagħna tirringrazzjahom mill-qalb. Għalkemm hemm għadd kbir ta' persuni nvoluti f'din l-għaqda, ix-xogħol huwa kbir u għalhekk, nitlob f'isem il-kumitat, għal iktar persuni biex jiġu u jipparteċipaw f'din l-istituzzjoni ta' raħalna illi kulfejn tmur iġġib ismu. Issa għandna ukoll dar apposta għal din is-soċjeta'; dar li kienet abbandunata strutturalment u li qiegħda tiġi rranġata mill-għaqda tagħna stess. Dan jinvolvi spejjeż kbar u xogħol kbir min-naħa tal-kumitat u tal-voluntiera. Għadna għaddejjin bi sforzi kbar sabiex dan il-post ikun komplut fl-iqsar żmien possibbli. Matul din is-sena lestejna mira oħra illi kienet is-sala ta' fuq. Irnexxielna, wara ħafna taħbit, nibnu din is-sala fejn il-banda ta' kull nhar ta' Ħadd tiltaqa' għall-provi li jkollha bżonn. Din tista' tintuża wkoll għal-laqgħat, konferenzi u avvenimenti oħra fejn wieħed jista' jkollu bżonn ta' spazju bħalma taf toffri din is-sala. Dan kien jinvolvi spejjeż kbar sabiex isiru s-saqaf tal-konkos, it-travi u emendi oħra. Spejjeż oħra kbar kienu dawk relatati mal-permessi tal-MEPA u tal-professjonisti nvoluti. Għalhekk, nitlob lil dawk il-persuni illi jistgħu, sabiex jgħinu bħalma dejjem għamlu lill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni sabiex tkun tista' ssostni dan il-proġett u għalhekk, is-sala tkun tista' tiġi kompluta. B'hekk, inkunu lestejna fażi oħra fil-proġett tal-każin. Nixtieq nistieden ukoll lil dawk illi jkunu jridu jużaw is-sala għal xi attivita' biex ikellmu lil xi membru tal-kumitat. Imma l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni ma tinvolvix biss xogħol. L-Għaqda qiegħda hemm sabiex wieħed jiġi jitgħallem u jirrikrea ruħu. Din is-sena għamilna klassi għat-tfal biex ikunu jistgħu jiġu jitgħallmu l-mużika. Din kienet inizjattiva illi rnexxiet u qed inħarsu 'l quddiem biex nerġgħu nagħmluha fis-snin li ġejjin. Għalhekk, nistedinkom biex terġgħu tipparteċipaw u timlew din il-klassi.

Nagħlaq dan il-messaġġ b'diversi ringrazzjamenti, u nibda billi l-ewwelnett inwassal ir-ringrazzjament tiegħi lill-familjari ta' dawk kollha li jinvolvu ruħhom fl-Għaqda Mużikali tal-paċenzja li jieħdu bil-qraba tagħhom. Barra minn hekk, nirringrazzja ukoll lill-membri tal-kumitat ta' din l-għaqda, lill-*helpers*, lill-bandisti u fl-aħħar iżda mhux l-inqas, lis-Surmast u lill-Assistent Surmast. Ringrazzjamenti oħra jmorru ukoll għall-għaqdiet u għall-entitajiet kollha li hawn f'dan ir-raħal tal-kooperazzjoni li dejjem sibna min-naħa tagħhom u nawguraw li nibqgħu naħdmu dejjem id f'id.

Il-Milied u s-Sena t-Tajba.



## *Għarb Rangers F.C.*

**Joe Cauchi - President**

Għeżież qarrejja u residenti tal-Għarb,

Nibda billi nirringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-istedina biex ngħaddu il-messaġġ tagħna f'din ir-rivista Leħen il-Punent. Qegħdin fil-bidu ta' staġun tal-futbol ieħor u wara s-suċċess li ksibna fl-istaġun li għadu kif għadda, fejn rbaħna it-tazza tan-'Knock Out' u anke spiċċajna fit-tielet post fil-klassifika, komplejna nsaħħu t-tim li hu mibni madwar plejers żagħżagħ mill-Għarb, bl-għanijiet tagħna li nkomplu nagħmlu suċċess anke f'dan l-istaġun. Ta' min isemmi li dan l-unur kien l-ewwel unur li rebaħ dan il-Club wara sittax-il sena u għalhekk bir-raġun li l-ferħ u s-sodisfazzjon kien wieħed kbir. Naturalment is-suċċess ma jiġix b'kumbinazzjoni imma b'ħafna xogħol u dedikazzjoni tul is-snin fejn illum Għarb Rangers hu club sportiv rispettat minn kulħadd.

Filwaqt li s-suċċess u r-rebħ huma sbieħ u ta' sodisfazzjon, l-għan prinċipali tal-club jibqa dak li joffri servizz sportiv għall-komunita', speċjalment għat-tfal u ż-żagħżagħ. Bħal dejjem nibqgħu ntennu fuq l-importanza tal-isport fl-iżvilupp komplet tat-tfal u żagħżagħ tagħna u għalhekk inħeġġu lill-ġenituri tat-tfal speċjalment dawk ta' bejn is-sitt snin u tlettax-il sena biex jinkoraġġixxu lil uliedhom biex jattendu f'xi waħda mis-sezzjonijiet ta' taħriġ fin-nursery tagħna skond l-eta'. Ta' min isemmi li f'dawn l-etajiet ma nagħtux importanza biss l-ħila u t-teknika fil-futbol imma wkoll li nrawmu kultura sportiva fit-tfal u l-bini tal-karattru f'ambjent ta' ħidma flimkien.

Fl-aħħar nett ma nistgħux ma nsemmux id-debut internazzjonali tat-team tagħna, fejn f'Settembru 2016 waqt training camp fl-Italja intlagħbet il-logħba vs AS Gerano f'partita li ntemmet fi draw ta' 2-2. Definittivament kienet esperjenza tassew sabiħa fejn kompliet tissaħħaħ l-għaqda fost il-plejers u iż-żagħżagħ ta' dan ir-raħal. Hawnhekk nixtieqx nirringrazzjaw mill-qalb lis-Sindku, is-Sur David Apap u l-Kunsill Lokali li għamlu din l-mawra possibli u tal-għajnuna kontinwa li jagħtu lill-club tal-Għarb Rangers u lill-għaqdiet voluntiera kollha tal-Għarb. Grazzi kbira wkoll lis-supporters (li qed jikbru fin-numru) li jinżlu il-grawnd jissapportjaw lit-tim u lil kull min b'xi mod jgħinna matul is-sena.

Nixtieqx Milied mimli hena u paċi u sena ta' għaqda u suċċess lill-poplu kollu tal-Għarb.






# PROĠETTI U INIZJATTIVI - 2016

**Triq San Dimitri**

Matul din is-sena l-Kunsill kompla għaddej bil-ħidma tiegħu fuq il-proġett tal-Public Private Partnership tat-toroq ġewwa l-lokalita'. Matul is-Sajf inbdew ix-xogħolijiet sabiex jingħata wiċċ ġdid lil Triq San Dimitri fejn ingħata tarmac tul ta' kilometru matul din l-imsemmija triq. Dawn ix-xogħolijiet kienu bżonnjużi u permezz tagħhom ingħata aċċess aħjar għall-kappella ta' San Dimitri u għall-bdiewa li għandhom l-għelieqi f'din iż-żona. Dan il-proġett qed ikompli jtejjeb iż-żoni rurali tal-lokalita'.

Xogħolijiet oħra li ser jissoktaw taħt dan il-proġett huma xogħol fuq l-aħħar parti ta' Triq Birbuba u fuq il-parti d-dejqa ta' Triq Birbuba li tmiss ma' Triq Monġur.







**Proġett mill-Kunsill Lokali l-Għarb – Network of Twinned Towns**

Fil-bidu ta' din is-sena, l-Kunsill b'għaqal u b'impenn kbir irnexxielu jikseb proġett taħt in-'Network of Twinned Towns' bl-isem 'Shaping the Future of European Rural Villages' fejn flimkien ma' postijiet oħra fosthom Lousa, Portugal, Gerano u Ortezzano fl-Italja, Repubblika Ceka, Polonja u Irlanda qed jinħolqu opportuntajiet ta' diversi skambji bejn dawn il-postijiet involuti.

Bejn il-5 u 6 ta' Frar, il-Kunsill Lokali l-Għarb li huwa l-*lead partner* f'dan il-proġett stieden lil delegazzjonijiet mill-għaqdiet involuti sabiex issir laqgħa ta' introduzzjoni u flimkien jiġi diskuss il-proġett. Din il-laqgħa kienet waħda produttiva u d-delegazzjonijiet flimkien iddiskutew il-loġistika ta' dan il-proġett.

L-ewwel appuntament sar ġewwa l-Portugal f'Ġunju fejn diversi delegazzjoni ġejjin minn diversi pajjiżi ltaqgħu flimkien ġewwa Lousa, il-Portugal. Waqt din iż-żjara, saru laqgħat bejn id-delegazzjonijiet fejn min-naħa tal-Kunsill ta' l-Għarb kien hemm preżenti s-Sindku David Apap Agius, il-Viċi Sindku Carmen Vella kif ukoll il-Kunsilliera Emanuel Muscat u Shirley-Anne Cecchini. Il-Kunsill kien akkumpanjat ukoll minn grupp ta' residenti fejn flimkien żaru diversi postijiet ta' interess. Fost oħrajn saru żjarat f'Avila, Porto Douro Oporto, il-muntanji ta' Candal, l-Universita' ta' Coimbra, l-Monasteru ta' Batalha, Fatima, Lisbona kif ukoll Salamaca.

Appuntament ieħor li sar matul is-sena kien f'Settembru meta delegazzjoni mill-Għarb telgħet fl-Italja

sabiex tiltaqa' għal darb'oħra għat-tieni appuntament ta' dan il-proġett. L-ewwel żjara saret ġewwa Ortezzano fejn hemm hekk ipparteċipaw ukoll il-*partners* tal-pajjiżi l-oħra. Is-Sindku ta' Ortezzano s-Sinjura Giusy Scendoni laqgħet b'ħeġġa lil dawn id-delgazzjonijiet fejn magħhom għamlu diversi laqgħat u workshops relatati mall-proġett. It-tieni parti ta' dan il-programm inkluda żjara ġewwa Gerano fejn hemm hekk milqugħin mis-Sindku tal-post is-Sur Danilo Felice saru workshops u laqgħat oħra. Id-delegazzjonijiet ġew meħuda fuq id-diversi postijiet ta' interess fosthom il-Belt ta' Fermo, Mużewijiet, Roman Cisterns, Subiaco, l-Monasteru Benedittin kif ukoll il-Belt ta' Ruma.

Dawn l-avvenimenti li qed isiru permezz ta' dan il-proġett qegħdin jagħtu esperjenzi ġodda u memorabbli lill-parteċipanti kollha li żgur ser jagħtu l-frott tagħhom fil-futur qarib.

Appuntamenti oħra għal żjara oħra li ser isiru matul is-sena 2017 jinkludu l-Irlanda, l-Polonja u r-Reppublika Ceka.

## Ġemellaġġ – Għarb – San Polo

F'April 2016, il-Kunsill ingħaqad flimkien ma' tlett Kunsilli oħra Għawdxin li huma Għajnsielem, Żebbuġ u Qala sabiex flimkien jiġi iffirmat ġemellaġġ ma' erba' irħula oħra li jinsabu kollha f'Ruma fl-Italja. Ir-raħal li ġie iġġemellat mar-raħal ta' l-Għarb kien dak ta' San Polo. Dan huwa ġemellaġġ li ser ikun qed jiftaħ opportunitajiet ġodda kemm għar-residenti ta' l-Għarb kif ukoll għal dawk ta' San Polo.



## Kungress Nazzjonali tal-Infiorata ġewwa Noto, Sqallija

F'Mejju ta' din is-sena delegazzjoni mill-Kunsill Lokali mmexxija mis-Sindku David Apap Agius ipparteċipaw għall-kungress nazzjonali ta' l-Infiorata ġewwa Noto fi Sqallija. Dan il-grupp kellu l-opportunita' li jikkreja kwadru ta' l-Infiorata ġewwa Noto. Diversi pajjiżi minn madwar id-dinja pparteċipaw għal dan il-kungress fejn kulħadd ikkreja d-disinn tiegħu fost diversi metodi użati madwar id-dinja. Il-Pajjiżi li pparteċipaw f'dan il-kungress inkludew Alatri, Bueu, Carrion de Los Condes, Castelbuono, Castropol, Corea, Elche de la sierra, Fonderazione Catalana, Fucecchio, Genazzano, Genzano di Roma, Gerano, Għarb, Huamantla, Infior Italia, Karlsdorf, Marineo. Marzameni, Montefiore dell'Aso, Mosca, Noto, Orotava, Pau, Pietra Ligure, Pontereas, San Pier Niceto, San Valentino Torio, Spycimierz, Tibet u Tokyo. Wara dan il-kungress, il-Kunsill ġie mistieden mill-Assoċjazzjoni ta' l-Infiorata sabiex ikun membru fil-Assoċċazzjoni fejn issa jista' jipparteċipa fil-kungressi mondjali madwar id-dinja. Din kienet esperjeza unika li din id-delegazzjoni irnexxielha takkwista fejn żgur ser tkun qegħda tagħti idejat u metodi ġodda għall-Infiorata tar-raħal tagħna.



## Proġett ta' Night Shelter ġdid għall-Anzjani fl-Għarb, Għawdex

Fis- 19 ta' Ġunju, 2016 ġie iffirmat kuntratt ta' Proġett ta' Night Shelter għall-anzjani ġewwa l-każin tal-Banda bejn il-Kunsill, l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni u s-Segretarjat għad-drittijiet ta' Persuni



b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva. Dan il-proġett qed isir permezz ta' investiment kapitali inizjali mis-Segretarjat Parlamentari ta' €200,000.00 u wara ser jiġi operat ukoll mill-Gvern permezz tal-ħaddiema pprovduti minnu. Is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Justyne Caruana spjegat li l-post tan-Night Shelter ser ikun qed jiġi utilizzat ukoll għal ċentru ta' matul il-jum biex jaqdi rwol ta' ċentru għall-anzjanita' attiva matul il-ħin tal-ġurnata. Dan huwa proġett, l-ewwel proġett soċjali li qed igawdi minnu l-lokalita' u huwa importanti ħafna speċjalment meta jiġi ikkunsidrat l-popolazzjoni qawwija ta' anzjani.

### European Mobility Week

Ta' kull sena u din is-sena ukoll, il-Kunsill wera l-interess tiegħu sabiex tiġi organizzata l-European Mobility Week ġewwa l-lokalita'. B'differenza mis-snin preċedenti l-attivitajiet marbuta ma' din l-attivita' ġew imqassma f'ġimgħa sħiħa ta' attivitajiet bejn is-16 u 22 ta' Settembru, 2016. Uħud mill-attivitajiet li saru matul il-ġimgħa inkludew zebra crossing temporanja li saret ma' ġenb il-knisja fejn il-Kunsill ġabar ukoll l-opinjoni tar-residenti dwarha. Fil-ġurnata tat-22 ta' Settembru, il-Kunsill tella' ġurnata ta' attivitajiet fejn ingħata wkoll diversi servizzi. Uħud mill-attivitajiet li saru inkludew ġbir ta' materjal goff bla ħlas mir-residenzi, Servizz ta' roti sabiex minn xtaq seta' jieħu rota u jdur madwar il-lokalita' bir-rota flok juża' l-karozza, sar ukoll ġbir ta' ħwejjeġ użati u saru tours permezz tas-Segway Tours. Dawn is-servizzi ġew offruti mingħajr ħlas. Matul is-serata filgħaxija saret show mill-grupp tal-BMX u ikla fil-pjazza. Il-parteċipanti kollha li ħadu sehem f'din l-kampanja edukattiva favur l-ambjent ingħataw biljett fejn fl-aħħar tas-serata telgħet rota elettrika.

L-għajn tal-Kunsill kien li jħeġġeġ lin-nies b'mod speċjali lir-residenti jużaw metodi alternattivi għall-karozzi u jużaw mezzi oħra bhal mixi, użu ta' rota manwali kif ukoll tal-elettriku eċċ.

### Monument – Isqof Emeritu Nikol Ġużeppi Cauchi

Fl-4 ta' Diċembru, 2016 saret l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-Monument ta' l-Isqof Emeritu Nikol Ġużeppi Cauchi ġewwa l-Pjazza Żjara tal-Madonna. Dan il-monument sar fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali l-Għarb bil-ko-finanzjament tal-Ministeru għal Għawdex. Id-disinn artistiku tal-Monument sar mill-Kav. Adonai Camilleri Cauchi u x-xogħol tal-bronż sar ġewwa l-fonderija ta' Rocco Cacciabaudo ġewwa Borgio fi Sqallija.

Waqt iċ-ċerimonja uffiċjali, l-Ministru għal Għawdex l-Onor. Anton Refalo flimkien mas-Sindku David Apap Agius kixef il-monument u sar it-tberik mill-E.T. Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex. Tkompliet iċ-ċerimonja bid-daqq tal-kantata, mużika tal-Mro Antoine Mercieca u kliem tas-Sur Joe Psaila. Saru wkoll diversi interventi dwar il-ħajja ta' l-Isqof Cauchi.







# L-Għarb u l-Kolera tal-1837 skond ir-Rapport tal-'Comitato di Salute' t'Għawdex

Hippocrates (460-370 QK) minn Kos (Figura 1) kien tabib f'Ateni u msejjaħ 'Missier il-Mediċina Moderna' u madwar is-sena 400 għamel katalgu tal-Mard kollu magħruf dak iż-żmien u semma' l-marda tal-kolera. Ħafna snin qabel dan iż-żmien, meta Ateni kien għadha fil-bidu tagħha din il-marda qerrieda kienet diġa teżisti fuq ix-xtut tax-Xmara Ganges fl-Indja. Il-*bacterium Vibrio cholerae* (Figura 2) li huwa l-kawża ta' din l-marda jgħix fl-ilma u l-Ganges kellha biżżejjed densita' ta' nies biex dan il-mikrobu jinxtered u jħarbat il-popolazzjoni t'hemmhekk. Il-kolera baqgħet f'dawk l-inħawi għal sekli sħaħ u kienet l-isplużżjoni tal-kummerċ bil-baħar bejn kontinent u ieħor, l-iktar bejn il-pajjiżi qrib u mbiegħda tal-Imperu Brittaniku li kien fl-aqwa tiegħu fil-bidu tas-seklu dxatax li xerred din il-marda qerrieda. Dan il-kummerċ wassal biex nies infettati mil-inħawi tal-Ganges bdew isiefru u jġorru l-mard tagħhom mal-erba' rkejjen tad-dinja. L-ewwel pandemija tal-kolera bdiet f'Jessore fl-Indja f'Lulju 1817, sa Settembru waslet Calcutta u Madras fis-sajf tas-sena ta' wara. Wara li daret l'Asja fl-1830 daħlet fl-Ewropa. Affetwat lir-Russja f'dik is-sena, l-Ingilterra fl-1831, Marsilja fl-1835 u Napli u Sqallija fir-Rebbiegħa tal-1837. Kienet qerdet 62,000,000 ruħ (Figura 3).[1,2]


Fig1.Hipprocates ta' Kos


Fig 2 Elektromikrogramma ta'Vibrio cholera. Sors: Muhsin Özal, Gudrun, Holland / RKI

Minkejja li l-kolera kienet wara biebna, l-Awtoritajiet ta' Malta baqgħu b'rashom mgħaddsa sa għonqhom ġor-ramel jinsistu, anzi jiftaħru li Malta ħelsitha għax hija gżira żgħira u maqtugħa minn kulħadd. Fl-24 ta' Mejju l-Gażżetta tal-Gvern ferħet lill-qarrejja talli l-gżira kienet meħlusa " *mil-kolera, l-pesta, terremoti u l-grippe*".[3] L-għada stess, 40 persuna mill-eqwipaġġ tal-vapur Medea ġew attakati mil-influwenza li ftit ġranet xterdet ma mijiet ta' baħrin u xi nies fuq l-art ukoll. L-editur tal-gażżetta kien għadu jittama li dan ma kien xejn speċjali. Fid-9 ta' Ġunju ma kienx baqa' dubju. L-Kolera faqqgħet fl-Ospizju l-Furjana fejn kienu jgħixu 750 xiħ jew inkapaċi. Il-marda xterdet bħal leħħa ta' berqa u f'għaxar t'ijiem kienet qatlet fuq 200 ruħ. Il-kittieb tal-Gażżetta kien għadu jħambaq li din m'hiex ta' periklu għal popolazzjoni tal-gżejjer[4]. Il-Gvernatur Henry Bouverie (Figura 4) ma kienx ta' dik l-opinjoni u kien inkwetat sew. Fit-13 ta' Ġunju ordna li r-residenti tal-Ospizju li kien baqa' jiġu meħuda Forti Rikażli fid-daħla tal-port il-kbir fejn l-arja kienet iżjed nadifa. Il-kolera xterdet malajr mal-ibliet u l-irħula ta" Malta u fis-6 ta' Lulju tħabbru l-ewwel każi minn Għawdex.


Figura 3. Karikatura f' Le Petit Journal, ġurnal Franċiż juri l-kolera taħsad in-nies fl-Ewropa.

Fis-19 ta' Ġunju l-gvernatur appunta kumitat magħmul minn 9 membri Maltin u Ingliżi biex jissorveljaw il-Marda tal-Kolera. Dawn kienu jinkludu tobba militari u navali u membri tal-korp tal-Pulizija. Kien ikun ferm aħjar kieku dan il-kumitat twaqqaf qabel ma bdiet l-imxija tal-kolera. Il-kumitat imwaqqaf għamel rapport fejn issuġerixxa li jinfetħu sptarijiet apposta f'diversi distretti, jitwaqqfu kumitati lokali f'kull villaġġ jew belt, jisħqu fuq il-poplu li l-kolera ma titeħidtx u li jippubblikaw il-każi ġodda u l-imwiet kuljum.


Figura 4. Il-Gvernatur ta' Malta, Henry Bouverie (1783-1853)

Fil-21 ta' Ġunju twaqqaf *Comitato di Salute* f'Għawdex li seta' jaħdem qabel ma ġara l-ewwel każ tal-kolera f'Għawdex (Figura 5).

Dan twaqqaf bl-ordni tal-Logutent Gvernatur tal-Gżira C.A. Bayley. Kien magħmul minn 10 membri u segretarju. Il-president kien Dottore Gio Batta Schembri u s-segretarju kien Dr. Fortunato Mizzi.[5]

Il-kumitat kellu jiltaqa' kuljum fl-Uffiċċju tal-Logutent Gvernatur fir-Rabat jew meta jkun hemm bżonn. Mil-ewwel ħarġu diversi regoli:[6]

1) Minn dik il-ġurnata l-katavri kellhom jindifnu fiċ-ċimiterji u mhux fl-knejjes bl-eċċezzjoni ta' dawk li kellhom l-oqbra tagħhom u f'dawn kellhom jindifnu taħt 7 xbar trab u bi kwantita neċessarja ta' *calcina* u fil-preżenza ta' surġent tal-Pulizija li jara li kollox isir skont ir-regolamenti. Min kien ser juża l-qabar privat



Figura 5. In-notamenti tal-ewwel laqgħa tal-Comitato della Salute di Gozo

kien irid jitlob permess mingħand dan il-kumitat tas-saħħa u jekk kien ikun hemm suspett li l-mejjet miet bil-kolera, il-kumitat ma kienx joħroġ dan il-permess.

2) L-ajjutanti tal-Pulizija tar-Rabat u d-deputati Logutenenti tal-irħula għandhom jinfurmaw lill-kumitat bil-każi kollha u bl-imwiet fejn il-kolera kienet suspettata.
3) It-tobba jridu jinfurmaw lill-kumitat bil-każi tagħhom kollha u l-imwiet ikawżati jew hemm suspett li jkawżati mil-kolera.
4) Ma jsirx dfin fil-knejjes
5) F'dawn iċ-ċirkostanzi l-*magistrato del Mercato* għandu jkollu attenzjoni kbira għal kwalita tal-ħut u salumi u ikel ieħor li jinbiegħ lill-pubbliku u li jagħmel spezzjonijiet iktar spissi.
6) Il-kumitat kellu jżomm notamenti tal-każi l-ġodda kollha ġurnata b'ġurnata u x'jiġri minnhom; jekk ifiequ jew imutu.

L-għada 22 ta'Ġunju l-*Comitato di Salute* t'Għawdex ippropona li jinfetħu sptarijiet f'diversi postijiet f'Għawdex li jkunu arjużi u li ma jkunux il-bogħod ħafna mil-abitazzjoni, dawn jiġu fornuti bl-apparat neċessarju minn dak inhar stess. Ipproponew ukoll li fl-istess ħin jingħażlu t-tobba, qassisin u servjenti biex jagħtu s-servizz tagħhom f'dawn l-isptarijiet jekk ikun meħtieġ.

Huma semmew ukoll l-postijiet fejn jistgħu jitwaqqfu dawn l-'isptarijiet proviżorji'. Fir-Rabat ta' Għawdex l-kumitat għażel il-*Conservatorio delle Zitelle* u fl-irħula ġew magħżula diversi djar jew postijiet bħad-dar ta' Għajn Lukin fix-Xagħra u t-Torri Garżeż biex jaqdi lill-Għajnsielem. Fl-Għarb ġiet iddestinata d-dar tat-Tabib Cassar (Figura 6).

Il-kumitat ta' ordni biex għal kull lokalita' jissemmew tabib u nfermier li kif ikun hemm suspett ta' każ tal-kolera f'din il-lokalita' għandhom jmorru mmedjatament fil-post.



Figura 6. L-allokazzjoni tad-dar ta' Dottor Cassar (vleġġa)

Jekk ikun hemm suspett li persuna qiegħda tbati mil-kolera, din għandha titieħed fl-'isptar' tal-lokal u jekk ma tkunx tifħlaħ tmur hemm allura għandha tingħata l-għajnuna fid-dar tagħha stess – iżda huwa mixtieq biex kemm jista' jkun li dawn il-persuni jirrikorru l-'isptar'.

Fis-6 ta' Lulju, it-tabib Cutajar informa l-Kumitat tas-Saħħa li Ġużeppa Falzon mir-Rabat kienet l-ewwel persuna li nħakmet u mietet mil-kolera f'Għawdex[7].

Fil-laqgħa tat-8 ta' Lulju fil-5.30 ta' wara nofsinhar fuq insistenza tal-Logutenent Gvernatur kellhom jitqassmu t-tobba preżenti fil-gżira t'Għawdex fil-lokalitajiet rispettivi sabiex ma jkunx hemm dewmien fl-assistenza lil dawk li taqbadhom il-kolera. Dottor Mallia, Dottor Mangion u l-Kirurgu Speranza kellhom jieħdu ħsieb l-Isptarijiet Civili u dawk tal-Kolera u d-distrett tar-Rabat, Kastell u l-inħawi li jagħmlu magħhom. It-tabib Mikiel Anġ Mizzi kellu jieħu kura tad-distrett tal-Għarb, iż-Żebbuġ u l-inħawi tagħhom. Kull tabib kellu jagħżel '*un uomo per suo servizio*' u dan kellu jitħallas xelin kuljum mil-ġurnata li jibda jaħdem. It-tabib Mizzi u t-tobba l-oħra kellhom jibdew jaħdmu mil-għada 9 ta' Lulju u kellhom mil-iktar fis jagħżlu postijiet addati għaċ-ċimiterji u jagħmlu rapport malajr lill-kumitat.[8]

Fit-18 ta' Lulju l-Kaptan Whyte ppropona biex jiffurmaw kumitati f'kull belt jew raħal magħmul mil-kappillan, id-Deputat Logutenent u wieħed jew tnejn mil-abitanti distinti tal-lokal. Dawn ikollhom id-dmir li jirrapurtaw lill-*Comitato di Salute* l-istat tas-saħħa tan-nies tal-lokal fir-rigward tal-kolera u jobdu l-istruzzjonijiet li jingħataw lilhom mill-*Comitato*.[9]

Jumejn wara meta ltaqa' l-kumitat issemmew l-ismijiet tal-persuni li kellhom jiffurmaw il-kumitati tal-lokal. Il-kumitat tal-Għarb kien iffurmat mi-Arċipriet Dun Publiju Refalo, il-Kanonku Mikiel Anġ Micallef, Dun Gużepp Agius, Nikol Apap u Gużepp Debrincat.[10] Fil-21 ta' Lulju ltaqa' l-kumitat u t-tobba ġew mitluba jiddiskutu l-ħlas tagħhom għal dan ix-xogħol li ser jagħmlu. It-tabib Mikiel Anġ Mizzi u t-tobba l-oħra stqarru unamimament li huma kuntenti b'dak li l-Gvern għandu l-pjaċir joffrilhom. Wara iffirmaw din id-dikjarazzjoni.

Il-Comitato della Salute di Gozo ġie xolt fil-31 t'Awwissu 1837 mil-Logutenent Bayley għaliex fl kliemu '*as the epidemic with which it has pleased Divine Providence to afflict this*

*Island, is now in the decline, I have every reason to hope it will shortly disappear altogether'*[11]

Sa meta l-kumitat ġie xolt kien hemm 736 każ ta' kolera f'Għawdex il-kotra tagħhom kienu fir-Rabat u l-konfini tiegħu, x-Xagħra u x-Xewkija. 3 każi, 2 mir-Rabat u wieħed mix-Xewkija li kienu l-isptar ma nafux x'sar minnhom u ġew esklużi mil-istatistika iżda mis-733 l-oħra nafu jekk mietux bil-marda jew le. Minn dawn mietu 334 jew 45.56% ta' dawk li mardu. Ir-Rabat, il-Kastell, l-Ospizju, Kerċem u l-konfini l-oħra tar-Rabat raw 390 vittma (7.9% tal-popolazzjoni tar-Rabat) li minnhom mietu 165 (43.5%). Fix-Xagħra mardu 174 (9.9% tal-popolazzjoni tx-Xagħra) u mietu 78 (44.8%).

| | Fiequ | Mietu | Total | % Mewt | Pop* | % Pop |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rabat & Castello | 225 | 165 | 390 | 43.50 | 4920 | 7.9 |
| Garbo | 2 | 2 | 4 | 50 | 1350 | 0.3 |
| Caccia+ | 96 | 78 | 174 | 44.80 | 1750 | 9.9 |
| Sannat | 20 | 18 | 38 | 47.30 | 895 | 4.2 |
| Xewkija | 39 | 44 | 83 | 53.01 | 1398 | 5.9 |
| Nadur | 6 | 16 | 22 | 72.72 | 3285 | 0.67 |
| Zebbug | 4 | 5 | 9 | 55.56 | 715 | 1.26 |

*Tabella 1. Il-każi tal-Kolera f'Għawdex mis-6 ta' Lulju sal-31 Awwissu 1837. * Popolazzjoni, + Xagħra*

Kien hemm erba' każi mil-Għarb li jagħmlu 0.3% tal-poplazzjoni tal-Għarb ta' dak iż-żmien. Il-popolazzjoni tal-lokalitajiet t'Għawdex tal-1837 inħadmet fuq iċ-Ċensiment tal-1842, iż-żieda tan-numru ta' dawk li mietu bil-kolera u tnaqqis tan-numru ta' nies skont ir-rata tat-twelid u mewt u allura n-numru tal-popolazzjoni ta' kull raħal huma approssimattivi. L-Għarb kellu l-inqas persentaġġ ta' każi tal-kolera (Tabella 1).

Skont ir-rapport tal-*Comitato di Salute* in-nies mil-Għarb li sofrew mil-kolera tal-1837 kienu erbgħa:

- Grazia Cassar li ddaħħlet l-isptar fit-12 ta' Lulju u mietet hemm fit-22 ta' Lulju
- Margerita Piscopo li mardet bil-kolera fit-28 ta' Lulju u mietet id-dar tagħha l-għada.
- Ġużepp Micallef li ħa l-kolera fit-30 ta' Lulju u fieq fit-3 t'Awwissu
- Ġużepp Mizzi li nħakem mil-kolera fl-1 t'Awwissu u ħareġ minnha ħaj fid-9 t'Awwissu.

l-imwiet ta' Grazia Cassar u Margherita Piscopo ma jinstabux imniżżla fil- *liber mortuorum* tal-Parroċċa tal-Għarb[12]. Mil-ewwel ta' Lulju sa l-aħħar ta' Settembru 1837 hemm imniżżla 19 il-mewt u d-dfin tagħhom baqa' jsir fil-knisja kolleġġjata tal-Għarb. M'hemm l-ebda nota fir-reġistru tal-imwiet li tagħti ndikazzjoni li kien hemm xi mwiet ikkawżati mil-kolera.

In-numru tal-każi tal-kolera u l-imwiet minnha f'Għawdex fl-imxija tal-kolera tal-1837 tvarja ftit minn dik mogħtija minn Giuseppe Maria Stilon[13] u Tommaso Chetcuti[14]. Stilon jikteb li l-popolazzjoni t'Għawdex kienet 16534 mardu bil-kolera 818 u minnhom mietu 368 u Chetcuti jsostni li kien hemm 804 każ u mietu 359.

Stilon juri li sal-aħħar t'Awwissu f'Għawdex mietu 313 u 55 mietu f'Settembru u l-ewwel ġimgħa t'Ottubru. Skont n-notamenti tal-Comitato della Salute sal-aħħar t'Awwissu mietu 334 li huma 25 iżjed mil-kitba ta' Stilon. Dawn il-25 qegħdin imniżżla fil-publikazzjoni ta' Stilon u jidher li mietu sal-ewwel ġimgħa ta' Settembru (Figura 7).[15]

L-epidemija tal-kolera fil-gżejjer Maltin spiċċat fl-4 t'Ottubru 1837. B'kollox f'Malta u f'Għawdex kienu mietu 4,243; 4,152 ċivili u 91 membri tal-militar u tan-navy.



*Figura 7. Il-każi u l-imwiet mil-Kolera kif miġjuba minn Stilon.*

*Nixtieq nirringrazzja lill-Kap tal-Librerija Ċentrali u ta' riċerka t'Għawdex, George Cassar li mhux talli għarrafni bil-manuskritt tal-minuti tal-kumitat tas-saħħa għal Għawdex li twaqqaf minħabba l-kolera tal-1837, iżda kien ta' għajnuna siewja biex nirriċerka għal dan l-artiklu.*

Referenzi


1. Cassar Paul. History of Medicine in Malta (1964) Wellcome Historical Medical Library, Londra, paġna 192.
2. Chetcuti Tommaso. Notizie Storiche e Patologico-Cliniche sul Cholera che Divampo in Malta e Gozo nell' Esta del 1837. Malta.(1838) paġni 2-3.
3. Gazzetta del Governo di Malta, 24 Maggio, 1837.
4. Gazzetta del Governo di Malta, 14 Giugno, 1837.
5. Mizzi Fortunato. Notamenti del Comitato della Salute di Gozo (1837) Manuskritt fil-Librerija Pubblika t'Għawdex, paġna 1r
6. Ibid, paġni 2- 4r
7. Ibid, paġna 8
8. Ibid, paġna 9
9. Ibid, paġni 11-11r
10. Ibid, paġna 12
11. Ibid, paġni 14r-15
12. Liber Mortuorum, (1799-1842), Arkivji tal-Knisja Parrokjali, Kolleġġjata, Bażilika tal-Għarb, Għawdex.
13. Chetcuti Tommaso. Notizie Storiche e Patologico-Cliniche sul Cholera che Divampo in Malta e Gozo nell' Esta del 1837. Malta.(1838) paġna 13.
14. Stilon Giuseppe. The Cholera at Malta in 1837 (translated to English from Italian) by Seth B Watson. (Londra) 1848.
15. Ibid paġna 38.

# ROKNA SAĦĦA



## *Ibża' għall-Qalbek*

**Joseph Galea**
MD(Malta) MD(Sheffield) FRCS(CTh) FETCS

Il-qalb hija organu meraviljuż. Tibda tħabbat qabel ma nitwieldu u tieqaf meta mmutu (ħlief meta tagħmel l-operazzjoni tal-qalb għaliex f'dak il-każ il-qalb tieqaf għal xi siegħa). Il-qalb magħmula minn muskolu f'saħħtu ħafna iżda suġġett għal ħafna mard. L-iktar mard komuni huwa meta l-arterji tal-qalb(arterji koronarji) li jieħdu d-demm lejn il-muskolu tal-qalb jidjiequ jew jimblukkaw għal kollox. Jekk jidjiequ jikkawżaw l-uġiegħ tal-anġina u jekk jinstaddu insofru minn attakk tal-qalb. L-arterji tal-qalb jidjiequ u jimblukkaw għaliex ġo fihom titrabba *plaque* li xħin tikber tagħlaq l-arterji minn ġewwa. Naħseb li qegħdin tistaqsu kif jiġri dan. Din il-ħsara fl-arterji tiġi kkawżata minn brix fuq ġewwa tal-arterja. Dan il-ħsara tista' ssir minnħabba il-qawwa u l-pressa li jkun qed jagħmel id-demm ġewwa l-arterja koronarja. Fuq il-barxa fl-arterja jibdew jeħlu l-*platelets* u jiġi ddepositat il-kolesterol. Dawn jikkawżaw infjammazzjoni fil-ħajt tal-arterja u minħabba f'hekk jidħlu ċelloli tad-demm bojod (monocytes) f'dan il-ħajt li jsiru *macrophages*.Din il-kundizzjoni tissejjaħ arterjosklerożi (Figura 1). Dawn il-bidliet fl-arteriji jħaxxnu l-ħajt tal-arterija u jċekknu il-kanal fl-arterija minn fejn jgħaddi d-demm.




Figura 1. L-Iżvilupp tal-arterjosklerożi

Il-mard fl-arterji tal-qalb huwa perikoluż ħafna allura huwa importanti immens li nipprevenu l-mard fl-arterji milli jiġri għax wara li nimirdu ikun diġa tard. Biex inkienu nistgħu nilqgħu għal danil-mard, l-ewwel nett iridu nkunu nafu x'inhuma l-fatturi li jżidu r-riskju tal-mard tal-arterji tal-qalb.

L-iktar fatturi ta' riskju importanti huma :

1. It-tipjip
2. Id-dijabete
3. Il-pressjoni għolja
4. L-kolesterol għoli fid-demm
5. L-obesita'
6. L-istress
7. Storja tal-mard tal-qalb fil-familja

Dawn il-fatturi jżidu r-riskju independement minn xulxin iżda meta wieħed ikollu iktar minn fattur ta' riskju wieħed ir-riskji totali jimultiplikaw. Biex nagħti eżempju; jekk xi ħadd li jpejjep ikollu riskju ta' mard tal-qalb 4 darbiet iktar minn xi ħadd li ma jpejjipx, u jekk xi ħadd li għandu d-dijabete għandu riskju 3 darbiet iktar minn min m'għandux dijabete, min ipejjep u għandu d-dijabete wkoll għandu riskju tal-mard tal-qalb 12 (4 x 3) il-darba iżjed minn min la jpejjep u l-anqas għandu d-dijabete u mhux 7 (4 + 3) darbiet iżjed.

Biex innaqqsu r-riskju kemm jista' jkun allura irridu nnaqqsu l-fatturi tar-riskju fejn nistgħu. Ħalli nkun ċar. Wieħed ma jista' jagħmel xejn jbiex inaqqas ir-riskju li jkun ġej mil-familja iżda fuq il-fatturi l-oħra hemm x'jista' jsir.

### IT-TIPJIP

Ngħallmu t-tfal biex ma jaqbdux il-vizzju tat-tipjip. Inħeġġu lil min ipejjep biex jieqaf ipejjep għal kollox. Jekk wieħed jipprova inaqqas ma jirnexxilux jieqaf (Figura 2).Illum hawn ħafna għajnuna għal min irid jieqaf ipejjep; patches tan-



Figura 2. Tpejjipx

nikotina, pilloli apposta bħal Champix, kif ukoll*smoking cessation programmes*.

## ID-DIJABETE

Id-dijabete trid tiġi kkontrollata billi wieħed joqgħod lura milli jiekol ħelu, għaġin, ħobż u karboidrati oħra. Id-dijabetiku għand jieħu l-pinnoli tad-dijabete u l-insulina kif suppost u kif ikun hemm bżonn. Il-kontrol taz-zokkor fid-demm jgħin biex inaqqas il mard tal-arterji tal-qalb. Importanti li d-dijabetiku jiċċekkja z-zokkor fid-demm regulari (Figura 3).



Figura 3. Tiċċekkja z-zokkor fid-demm regulari

## IL-PRESSJONI GĦOLJA

Il-pressjoni għolja ukoll twassal għal arterjosklerosi fl-arterji tal-qalb. Importanti li l-pressjoni tkun ikkontrollata tajjeb u tinżamm inqas minn 140 pressjoni sistolika u inqas minn 95 pressjoni dijastolika. Minn ikollu l-pressjoni għolja għandu jnaqqas il-melħ. M'għandux jiekol ikel li jkun fih ħafna melħ bħal inċova, arringi mmelħa u ikel ieħor immellaħ. Wieħed għandu jitgħallem jiċċekkja l-pressjoni huwa stess bi strument li jinxtara apposta. Dan jgħidulu sfigmomanometru (Figura 4).



Figura 4. Sfigmomanometru.

## IL-KOLESTEROL FID-DEMM

Jekk il-kolesterol LDL ikun għoli u l-kolesterol HDL ikun baxx jiżdied ir-riskju ta' mard tal-koronarji u arterji oħrajn. Hawn persuni li genitikament għandhom LDL għoli u HDL baxx. Il-kolesterol LDL jista' jitnaqqas billi wieħed jiekol inqas laħam aħmar (ċanga, majjal u ħaruf), artikli tal-baħar (imħar, qarnit, klamar, bebbux, *mussels* u *clams*), isfar tal-bajd u l-prodotti li jiġu mil-ħalib (krema, ġobon, ġelat). Wieħed jista' jgħin ruħu billi jiekol iktar ħaxix, frott, tiġieġ u ħut. Jista' jkun hemm il-bżonn li xi wħud ikollhom bżonn jieħdu pilloli msejjħin *statins* biex inaqqsu l-LDL kolesterol u jżidu l-HDL kolesterol (Figura 5).




Figura 5. L-HDL: il-kolesterol it-tajjeb u LDL: il-kolesterol il-ħażin.

## OBESITA'

Il-Maltin huma mil-iktar nies ħoxnin fl-Ewropa. Tnaqqis tal-ħxuna żejda jgħin ukoll biex persuna tnaqqas il-mard tal-koronarji. Il-Body Mass Index (BMI) għandu ikun madwar 25. Jekk wieħed ikollu l-piż żejjed għandu jagħmel dieta li biha jnaqqas il-karboidrati u x-xaħam u żjut fl-ikel. Hemm ukoll programmi ta' dieta apposta li wieħed jista' jieħu sehem fihom. Iċ-ċirkumferenza żejda taż-żaqq hija l-iktar fattur importanti biex iżżid ir-riskju tal-mard iskemiku tal-qalb (Figura 6).



Figura 6. Tqis iċ-ċirkumferenza taż-żaqq

## L-ISTRESS

Fl-aħħar, wieħed ma jistax ma jsemmix l-istress bħala kawża tal-mard tal-arterji tal-qalb (Figura 7). L-istress qawwi jtella' l-pressjoni,huwa assoċjat mal-uġiegħ tal-anġina u jista' jkun il-kawża ta' attakk tal-qalb. Hu sewwa li wieħed jitbiegħed mil-inkwiet kemm jista' jkun għalkemm ħafna drabi wieħed ma jkollux kontrol fuqu. L-eżerċizzju kuljum iserraħ il-moħħ u jġib rilassament li hu ferm importanti għas-saħħa kemm tal-moħħ kif ukoll tal-ġisem. Mixja ta' nofs siegħa kuljum ħames darbiet fil-ġimgħahija mezz tajjeb ħafna ta' eżerċizzju.



Figura 7. L-istess qawwi mhux tajjeb għall-qalb

## IL-ĠENETIKA

Il-ġenetika hija importanti f'ħafna tipi ta mard inkluż il-mard tal-arterji tal-qalb (Figura 8). Jekk xi ħadd ikollu fil-familja, persuni li kellhom operazzjoni tal-bypass tal-arterji tal-qalb jew interventi oħra fuq il-koronarji huwa iktar f'riskju li jkollu mard fl-arterji tal-qalb. Dawn it-talin iridu jagħmlu *check-ups* regolari sa biex jaqbdu l-problema fil-bidu u jkunu jistgħu jilqagħulha



Figura 8. Il-genetika hija importanti fil-mard tal-arterji tal-qalb



# Children's Corner

## *The Cunning Fox and the Clever Stork*

Once upon a time, there lived a very cunning and mischievous fox. He used to speak to other animals sweetly and gain their trust, before playing tricks on them.

One day the fox met a stork. He befriended the stork and acted like a very good friend. Soon, he invited the stork to have a feast with him. The stork happily accepted the invitation.

The day of the feast came, and the stork went to the fox's house. To her surprise and disappointment, the fox said that he could not make a big feast as promised, and just offered some soup. When he brought the soup out of the kitchen, the stork saw that it was in a shallow bowl!

The poor stork could not have any soup with its long bill, but the fox easily licked the soup from the plate. As the stork just touched the soup with the tip of its bill, the fox asked her, "How is the soup? Don't you like it?"





The hungry stork replied, "Oh it is good, but my stomach is upset, and I can't take any more soup!"

"I'm sorry for troubling you," said the fox.

The stork replied, "Oh dear, please don't say sorry. I have some health problem and cannot enjoy what you offer."

She left the place after thanking the fox, and inviting him to her house for dinner.

The day arrived and the fox reached the stork's place. After exchanging pleasantries, the stork served soup for both of them, in a narrow jar with a long neck. She was able to have the soup very easily with her long bill, but the fox obviously could not.

After finishing hers, the stork asked the fox if he was enjoying the soup. The fox remembered the feast he himself had given the stork, and felt very ashamed. He stammered, "I...I'd better leave now. I have a tummy ache."

Humiliated, he left the place running.

**Moral: One bad turn begets another.**




### The Cunning Fox and the Clever Stork

Complete the crossword below




**Across**

**2.** The fox used to play ____________ on other animals. (6)
**4.** How did the fox feel when he remembered how he treated the stork? (7)
**6.** Where did the stork serve the soup? (6) (3)
**8.** What did the fox offer the stork? (4)
**10.** One bad turn ___________ another. (6)

**Down**

**1.** For what did the fox invite the stork? (5)
**3.** The Story is about a ___________ fox (7)
**5.** How was the bowl, the fox gave to the stork? (7)
**7.** The fox left the stork's place ___________. (7)
**9.** Who did the fox befriend? (5)

## *Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali l-Għarb. Għamel uzu minnhom!!!*



## Services offered by l-Għarb Local Council... Make use of them!!!!!

L-Uffiċju tal-Kunsill Lokali l-Għarb ikun miftuħ għall-pubbliku:

**Fix-Xitwa:**

- mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u l-3pm
- nhar ta' Sibt bejn it-8.15am u l-11.15am

**Fis-Sajf:**

- mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u l-12.30pm
- nhar ta' Sibt bejn it-8.15am u l-11.15am

Il-pubbliku in ġenerali b'mod partikolari r-residenti ta' l-Għarb jistgħu jaslu wasla sa dan iċ-ċentru ċiviku fejn jistgħu jinqdew minn ħafna servizzi taħt saqaf wieħed.

Ir-residenti huma mistiedna sabiex jgħaddu l-ilmenti / suġġerimenti tagħhom lill-Kunsill billi jirrikorru l-uffiċju jew iċemplu fuq 21560556 jew permezz ta' l-email fuq gharb.lc@gov.mt. Il-Kunsill jieħu ħsieb li jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex jgħin lir-residenti fejn hu possibli u bl-aħjar mod possibli. Apparti dan, il-Kunsill joffri wkoll għadd ta' servizzi oħra fosthom dawn segwenti:

The offices of the l-Għarb Local are open for the public:

**In Winter:**

- Monday to Friday between 8.00am and 3pm
- Saturday's between 8.15am and 11.15am

**In Summer:**

- Monday to Friday between 8.00am and 12.30pm
- Saturday's between 8.15am and 11.15am

The general public, in particular the Għarb residents can come visit this civic center where they can avail of many services under one roof. The residents are invited to present their complaints / suggestions to the Council either by calling personally or by phone on 21560556 or email on gharb.lc@gov.mt. The Council takes care in doing everything possible to help the residents when and in the best possible way. Apart from this the Council also offers other services as follows:-

Servizz ta' **Librerija Pubblika** fejn kullħadd qed jiġi mistieden jasal wasla sal-librerija li tinsab ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku u jissellef kotba tal-qari jew jagħmel xi riċerki minn fuq kotba ta' referenza. Meta wieħed jissieħeb ma' din il-librerija ikun jista' jsib għadd ta' kotba li jvarjaw minn kotba tat-tfal sa kotba għall-adulti non-fiction kif ukoll fiction. Żgur li wieħed isib ktieb / kotba ta' interess għalih. Ħinijiet tal-ftuħ:

- It-Tlieta mit-8.30am san-12.30pm
- Is-Sibt mit-8.30am sal-11am



Service of **Public Library** where everyone is welcome to visit the library which is located within the Civic Centre and borrow books or even make a reasearch from reference books. When one becomes a member of the library, he/she can choose from a number of books available which vary from children's books to adult books fiction and non fiction ones. Opening hours:

- Tuesday from 8.30am – 12.30pm
- Saturday from 8.30am – 11am

Servizz ta' **WIFI** li huwa miftuħ għall-pubbliku in ġenerali. Dan is-servizz jiġi offrut mingħajr ħlas. Din tippermetti li min ikollu l-laptop / mobile tiegħu ikun jista' jaċċedi ukoll għal dan l-WIFI b'xejn.



**WIFI** Service which is open to the general public. This service is being offered free of charge. Residents can bring their laptop/ mobile phone and connect for free to this WIFI service.

Servizz għall-Anzjani Residenti huwa servizz ta' **Ċentru ta' Matul il-Jum**. L-Anzjani tal-Lokalita' huma kollha mistiedna sabiex jagħmlu użu minn dan is-servizz fejn kull nhar ta' Tnejn bus apposta tiġi tiġbor lill-Anzjani u teħodhom ġewwa dan iċ-Ċentru f'Għajnsielem fejn ikunu jistgħu iqattgħu ftit ħin b'attivitajiet organizzati apposta għalihom fosthom tombla u ħafna aktar...



Another service offered by the Council that is given the Elderly residents is that of a **Day Centre.** The Elderly residents are invited to make use of this service. Every Monday a special bus collects the Elderly to take them to the Day Centre where activities are organized for them such as tombola and much more....

Servizz ta’ **Ġbir ta’ Skart Domestiku, Skart Organiku u Skart għar-Reċiklaġġ** li jiġi offrut skond l-iskeda segwenti s-sena kollha:-

**Refuse Collection Service** is offered to the Gharb residents all year round as per below schedule:-





*Il-Kunsill jixtieq jiġbed l-attenzjoni tar-residenti kollha dwar is-sistema’ tal-ġbir fejn huwa importanti li meta noħorgu l-iskart, dan inħalluh wara l-bieb tad-dar tagħha u f’ebda post ieħor. Min ikollu xi problema dwar il-ġbir ta’ l-iskart huwa ġentilment mitlub sabiex jirrikorri jew iċempel lill-Kunsill u jispjega l-problema tiegħu.*

***The Council would like to request the resident’s attention that refuse is to be left in front of the resident’s household before the mentioned time. Residents who incur any problems are kindly requested to contact the Council and explain the situation.***

Servizz ta’ **Reċiklaġġ** offrut 24 siegħa kuljum. Il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti kollha jipparteċipaw fis-sistemi tar-reċiklaġġ li għandna disponibbli fil-ġurnata tal-lum. Apparti l-ġbir ta’ kull nhar ta’ Tlieta bieb bieb, il-Kunsill għandu ukoll bins għar-reċiklaġġ tal-

- karti
- metal
- plastic
- ħġieġ

li jinsabu fi Triq il-Viżitazzjoni fejn il-gate ta’ l-Iskola Primarja kif ukoll bin ieħor żgħir għall-ġbir ta’ batteries li jinsab ġewwa l-Uffiċju tal-Kunsill. Huwa importanti li kull wieħed u waħda minnha ngħinu lill-Ambjent ta’ madwarna billi nagħtu s-sehem tagħna f’dawn l-inizjattivi.



The Council also offers a 24-hour service of **Recycled Refuse** through bins which are located near the school gate. These bins are for:

- glass
- metal
- plastic
- papers

Another small bin for the **recycling of batteries** is found at the Council’s offices. *It is important that all residents participate and give their contribution towards this ecological initiative.*



**Kuntatt ta’ fejn wieħed għandu iċempel meta ikun f’każ ta’ kollużjoni : 21320020.**

***One is requested to call on 21320020 in case of a collision accident.***

Servizz ta' **Open Skip** liema servizz qiegħed jiġi offrut mill-Kunsill Lokali nhar ta' Sibt. Dan is-servizz huwa miftuħ għar-residenti sabiex ikunu jistgħu jarmu l-iskart goff tagħhom ġewwa fih. Is-servizz matul is-sena 2016 ser jingħata fid-9.00am fi Triq Tumas Cassar fil-ġurnata tas-Sibt f'dawn id-dati segwenti: **7, 21 ta' Jannar, 11, 25 ta' Frar, 11, 25 ta' Marzu, 8, 22 ta' April, 6, 20 ta' Mejju, 3, 17 ta' Ġunju, 8, 29 ta' Lulju, 12, 26 ta' Awissu, 9, 30 ta' Settembru, 14, 28 ta' Ottubru, 11, 25 ta' Novembru, 9, 23 ta' Diċembru.**



**Open Skip** service is offered to the public on Saturday between 9.00am and 10.30am at Tumas Cassar Street between 9am – 10.30am. All residents who have any kind of bulky refuse can make use of this service. The service through the year 2016 will be provided every fortnight on the following dates: **7th, 21st January, 11th, 25th February, 11th, 25th March, 8th, 22nd April, 6th, 20th May, 3rd, 17th June, 8th, 29th July, 12th, 26th August, 9th, 30th September, 14th, 28th October, 11th, 25th November, 9th, 23rd, December**.

Il-Kunsill Lokali l-Għarb javża li wara li ġie sospiż is-servizz tal-ġbir tal-iskart goff bieb bieb mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika l-Kunsill ser jibda' jipprovdi dan is-servizz. Il-Kunsill ser ikun qed jikri t-truck bir-rati ta' €0.50 għal kull metru kwadru. Kull min ikollu bżonn ta' dan is-servizz huwa ġentilment mitlub sabiex iċempel l-Uffiċju tal-Kunsill fuq 21560555 u jibbuka dan is-servizz.

Il-Kunsill jaċċetta ukoll **Ħlasijiet** ta' diversi servizzi fosthom

- ħlas ta' liċenzji tal-ħwienet
- ħlas tal-multi
- ħlas ta' raba' tal-Gvern
- ħlas ta' permessi



Apart from this service another related service is that of **Bulky Refuse** Service. L-Gharb Local Council would like to notify that after suspension of bulky refuse service by the Public Cleansing Department, the Council will take care to provide this service. The Council will book a truck with the following rates €0.50 per cubic meter. Anyone needing this service is kindly requested to contact the Local Council on 21560556 and book this service.

The Council accepts **Payments** for various services such as:

- Shop Licenses
- Contraventions
- Government Land Rent
- Iissuing of various permits

Servizz għall-Anzjani Residenti huwa servizz ta' **Ċentru ta' Matul il-Jum**. L-Anzjani tal-Lokalita' huma kollha mistiedna sabiex jagħmlu użu minn dan is-servizz fejn kull nhar ta' Tnejn bus apposta tiġi tiġbor lill-Anzjani u teħodhom ġewwa dan iċ-Ċentru f'Għajnsielem fejn ikunu jistgħu iqattgħu ftit ħin b'attivitajiet organizzati apposta għalihom fosthom tombla u ħafna aktar...



Another service offered by the Council that is given the Elderly residents is that of a **Day Centre.** The Elderly residents are invited to make use of this service. Every Monday a special bus collects the Elderly to take them to the Day Centre where activities are organized for them such as tombola and much more....

Servizz ieħor offrut mill-Kunsill huwa l-**Manutenzjoni ta' dawl tat-toroq**. Dan is-servizz jinkludi fih id-dwal tat-toroq li huma mwaħħlin mal-hajt u li l-manutenzjoni taghhom issir minn kuntrattur tal-Kunsill. Id-dawl l-ieħor tat-triq li huma bozoz imwaħħla ma' arbli, dawn jieħdu ħsiebhom l-Enemalta. Ir-residenti xorta waħda huma imħeġġa sabiex kull rapport isir il-Kunsill Lokali u fejn hu possibli għandu jiġi innotat ukoll in-numru li jkun hemm imwaħħal mal-bozza. Kull bozza għandha fil-fatt numru għaliha u sabiex ma jkunx hemm diffikultajiet huwa importanti li r-rapport tal-ħsara issir permezz ta' dan in-numru.



Another service offered by the Council is that of **Street Lighting Maintenance**. A private contractor is responsible for the maintenance of all lights fixed to houses. The other street lighting such as lamps fixed to poles are maintained by the Enemalta Corporation. In both cases the residents are kindly requested to contact the Council and give details about the burnt lamps or intermittent lamps. It is advised that where possible, residents take note of the lamp number fixed to every lamp so that the report is as accurate as possible.

# L-Iskola Primarja tal-Għarb





Bi pjaċir ilqajt l-istedina tal-Kunsill Lokali tal-Għarb biex nikteb kelmtejt f'dan il-fuljett. Kemm ilni hawn l-Għarb bħala Kap tal-Iskola Primarja, laqatni ħafna l-impenn sħieħ ta' dan il-Kunsill fl-edukazzjoni ta' wliedkom. Lanqas biss nilħaq noħlom xi ħaġa. Is-Sindku jkun diġà għaddieni u ġie bi proposta għal ħaġa jew għal oħra. Malli ġejt mogħtija l-inkarigu ċempilli u offra li jixtri lil uliedkom dak kollu li ser ikollhom bżonn għas-sena skolastika biex ikun ċert li intom il-familji ma jkollkhomx piż żejjed. Xtralna wkoll apparat tal-logħob għal ġol-bitħa tal-kindergarden li għamlet differenza kbira fil-ħin tal-logħob. Ħallas l-ispejjeż kważi kollha biex ħadna 44 tifel u tifla jaraw l-Esplora, esperjenza edukattiva mprezzabbli, u ħafna affarijiet oħra.

Aħna minn naħa tagħna din is-sena dħalna b'żewġ impenji kbar.

1. Li nagħtu spinta lil uliedkom fil-matematika, b'emfasi speċjali fuq l-investigazzjonijiet tal-matematika u l-MentalMaths u
2. Li nagħtu spinta lil qari f'kull livell.

Impenji li jridu ħafna xogħol, imma li aħna qed neħduhom b'serjeta' kbira. Infatti bdejna s-sena bi training speċjalizzat wara l-ħin tal-iskola għall-għalliema fl-InvestigationMaths. Għamilna wkoll Staff Meeting mill-EO tal-Literacy biex turina kif l-aħjar immexxu 3 programmi separati fuq il-letteratura – SharedReading, Aqra Kemm Tiflaħ u minn Jannar se nibdew ukoll il-GuidedReading. Saru wkoll laqgħat u ser isiru oħrajn, għalikom ġenituri u kuraturi biex tkunu tistgħu tgħinu lil uliedkom bl-aħjar mod.

L-aħħar żvilupp issa kien l-għotja tat-tablets lil istudenti tar-raba' klassi. Sar training għall-għalliema u laqgħat għal ġenituri u anke għalina l-amministraturi tal-iskejjel, biex kemm jista' jkun din l-għajnuna teknoloġika għal uliedkom tagħti l-aktar frott possibbli. Għamlu użu tiegħu bil-għaqal.

Ma rridx intawwal, imma nieħu din l-opportunita' biex nixtieq Milied mill-isbaħ u sena mimlija risq, hena u saħħa lil komunita' kollha tal-Għarb u biex nirringrazzja lil Kunsill Lokali tal-Għarb tal-għajnuna kontinwa li jagħtina.

**Mary Jane Camilleri**, Kap tal-Iskola





# RIĊETTI

Liza Frendo



## Brunġiel



***Ikollok bżonn:***

- 3 brunġiliet mdaqqsin
- 4 tadamiet mdaqqsin, mqatta' *slices*
- 2 bżariet ħodor jew ħomor, imqatta' *slices*
- 200grms ġobon tat-toqba, imqatta' *slices*
- 3 basliet imdaqqsin
- 3 tewmiet, imqatta' rqiq
- Ftit tursin, imqatta' rqiq
- żejt biex taqli

***Kif tagħmel:***

1. Aqta' l-brunġiel slices fit-tul, tqaxxrux. Poġġieh f'passatur u roxx ftit melħ fuqu u ħallieh joqtor sewwa minn dak l-ilma skur li joħroġ minnu.
2. Issa ixwi l-bżaru li tkun qsamt f'erba' biċċiet u qaxxru sewwa u neħħi ż-żerriegħa.
3. Aqta' il-basal fin u qalli fi ftit żejt f'taġen. Poġġi dan il-basal li tkun qlejt f'qiegħ ta' dixx tal-forn li tkun dlikt sewwa biż-żejt. Fl-istess żejt li tkun qlejt il-basal aqli l-bżaru. Erġa laħlaħ il-brunġiel fl-ilma, ixxuttaħ sewwa, aqlih fi ftit żejt, qattru fuq karta tal-kċina.
4. Issa ibda stiva ġo dixx fuq il-basal għamel faxx brunġiel, faxx ġobon, faxx tadam u fl-aħħar faxx bżaru u ftit żejt fil-wiċċ. Fl-aħħar roxx it-tursin u t-tewm.
5. Għatti d-dixx bil-*foil* biex il-wiċċ ma jinxifx.
6. Poġġi f'forn sħun għal madwar 30 minuta.
7. Tista sservi sħun jew kiesaħ.

## Tiġieġa



***Ikollok bżonn:***

- Tiġieġa
- 60grms butir
- Kikkra ilma
- *Cube* tat-tiġieġa
- Melħ u bżar

***Kif tagħmel:***

1. Poġġi t-tiġieġa f'dixx tal-forn
2. Għorok b'butir artab is-sider u s-saqajn tat-tiġieġa, żid il-bżar u l-melħ
3. Ħoll il-*cube* fl-ilma u żidu fid-dixx mat-tiġieġa
4. Aħmi l-forn moderat gas 350F jew 180C
5. Kultant xarrab it-tiġieġa minn dak l-ilma tad-dixx b'pinzell u kultant ħarrek it-tiġieġa biex ma teħilx mal-qiegħ tad-dixx. Aktar ma xxarrabha aktar tiġi sabiħa u biex tara li t-tiġieġa saret, nigges fil-koxxa biex tara l-ilma ħariġx nadif. Jekk jonqos l-ilma tad-dixx żid ftit ilma ieħor. Issa jekk trida 'Chinese' kwarta qabel ma ssir żid dawn l-ingredjenti fid-dixx u xarrab it-tiġieġa bihom:

***Jkollok bżonn:***

- Nofs kikkra sherry
- Mgħarfa soy sauce
- Kuċċarina maħkuka 'green ginger'
- Mgħarfa għasel

## Cheese Cake



***Jkollok bżonn:***
***Għall-għaġina:***

- 240g dqiq
- 60g zokkor
- Qoxra tal-lumija
- 150g marġerina
- Bajda

***Kif tagħmel:***

Ħawwad id-dqiq mal-marġerina sa ma jsir qisu ramel, żid qoxra tal-lumija maħkuka. Ħawwad il-bajda maz-zokkor, issa żidu fuq id-dqiq, għaġen għal ftit sekondi u ħalli l-għaġina toqgħod għal xi siegħa.

***Jkollok bżonn għall-mili:***

- 8oz "cream cheese" artab
- Kikkra ġobon tal-mogħoż
- 2/3 ta' kikkra krema mħabbta
- żewġ bajdiet
- 1/3 ta' kikkra butir maħlul
- ½ kikkra zokkor
- Qoxra maħkuka ta' lumija u l-meraq
- 1/3 ta' kikkra żbib
- Isfar ta' bajda mħabta
- ½ kikkra krema mħabta

***Kif tagħmel:***

saħħan il-forn 375F jew 190c. Iftaħ l-għaġina u għamilha ġo turtiera tal-forn u nigges il-qiegħ b'furketta u poġġi fil-fridge sa ma' tlesti l-mili.

***Kif tagħmel il-mili:***

Ħabbat flimkien il-cream cheese, il-ġobon tal-mogħoż, il-krema mħabbta, il-bajd, butir, żbib u zokkor f'bowl kbira sa kemm jiġi kollox fuq l-għaġina. Bl-għaġina li jkun fadallek aqta' strixxi rqaq u żejjen il-wiċċ bihom. Issa idlek il-wiċċ bl-isfar tal-bajd. Aħmi ġol-forn li tkun preparajt. Servi kull biċċa bil-cream fuqha. Isservi 6 jew 8 biċċiet.

2016



# Mid-Djarju tal-Kunsill

**29 ta' Diċembru, 2015:** Il-Kunsill organizza ħarġa bit-'train' għat-tfal tal-lokalita' flimkien mall-ġenituri. Waqt din il-ħarġa żaru d-Dwejra, Għadira San Raflu f'Santa Luċija ta' Kerċem, ingħataw 'snack' ġewwa x-Xlendi fejn wieħed seta' jinżel mit-'train', għaddew mill-Belt Victoria kif ukoll żaru Betlehem f'Għajnsielem. Din kienet ħarġa pjaċevoli għal kull min attenda.



***29th December, 2015:****A train ride was organized for primary school children together with their parents. This ride included visits to Dwejra, Għadira San Raflu at Santa Lucija Kerċem, Xlendi where snacks were distributed, Victoria and also a visit to Betlehem in Għajnsielem. All those who attended enjoyed this particular outing.*

**24 ta' Jannar**: Il-Kunsill Lokali l-Għarb ta merħba lill-E.T. il-President ta' Malta, Marie Louise Colerio Preca u dawk il-parteċipanti kollha li taw sehemhom f'din il-mixja organizzata mill-'Gozo Scouts Group' ġewwa l-pjazza prinċipali ta' l-Għarb b'risq il-Malta Community Chest Fund. L-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni tat is-sehem tagħha waqt din il-merħba. Il-Kunsill Lokali l-Għarb flimkien mall-kumpanija 'General Soft Drinks' qassam flixken ta' l-ilma lill-parteċipanti kollha. Qabel ma' tkompliet din il-mixja ttajru diversi bżieżaq li ħolqu atmosfera sabiħa.



***24th January****: L-Għarb Local Council welcomed H.E. President of Malta, Marie Louise Coleiro Preca at Għarb Square and all those who participated in a walk organized by the Gozo Scouts Groupin aid of the Malta Community Chest Fund. The Għaqda Mużikali Viżitazzjoni also participated during this activity. L-Għarb Local Council in collaboration with the General Soft drinks distributed bottles of water to all participants. Before the group left the square, balloons were released.*

**Jannar , 2016**: Il-Ministeru tal-familja u solidarjeta' soċjali bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Għarb organizza Kors Għaqal id-dar, Ħajja Aħjar ġewwa s-sala taċ-Ċentru Parrokkjali.



***January, 2016****: The Ministry for the family and social solidarity in collaboration with l-Għarb Local Council held a courseof how to manage your household and living a healthier lifestyle. The course was held at the Gharb Parish Centre.*

**31 ta' Jannar**: Inżammet laqgħa dwar is-saħħa tal-ġisem minn Radu Gheorge. Din saret ġewwa s-sala taċ-Ċentru Ċiviku ġewwa l-Kunsill Lokali l-Għarb.
***31st January****: A wellbeing information session was held at the Civic Centre Hall at l-Għarb Local Council by Radu Gheorge.*

**5 – 7 ta' Frar**: Il-Kunsill ospita' delegazzjoni minn diversi pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-proġett **Network of Town Twinning – Shaping the future of European Rural Villages** għall-ftuħ uffiċċjali tal-proġett**.** Fost dawn kellna lis-Sindku ta' Gerano, Sindku minn Korycin Polonja,

Sindku minn Ortezzano u delegazzjoni minn Lousa Portugal.

***5th – 7th Febuary**: The Council hosted delegations from different countries who are participating in the project **Town Twinning – Shaping the future of European Rural Villages** for the official opening of the project. Amongst these there were the Mayor of Gerano, Mayor of Korycin Poland, Mayor of Ortezzano and a delegation from Lousa Portugal.*

**20 ta' Marzu**: Bħala parti mill-programm mużikali li ttella' mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni ġewwa l-Knisja Bażilika u Parrokkjali ta' l-Għarb taħt id-direzzjoni ta' l-Assistent Surmast Jason Camilleri l-Ministru ġie mistieden sabiex flimkien mas-Sindku David Apap Agius jippreżentaw Premju Għarb lil Dun Mikiel Cauchi li minħabba li kien indispost ma setgħax jiġi mogħti dan il-Premju waqt is-serata ta' Jum l-Għarb li saret fid-29 ta' Awissu, 2015.



***20th March**: As part of the musical program held by Ghaqda Mużikali Viżitazzjoni at the Għarb Basilica and Parish Church under the direction of the Ass. Mro Jason Camilleri, Hon. Minister Anton Refalo was invited to present the Għarb Award together with Mayor David Apap Agius to Fr. Michael Cauchi since he was indisposed and therefore could not be given the award during the Għarb Day Activity which was held on the 29th August, 2015.*

**27 ta' Marzu**: Nhar Ħadd il-Għid, s-Sindku flimkien mall-Kunsilliera qassmu bajd ta' l-Għid lit-tfal żgħar tal-lokalita' wara l-purċissjoni ta' l-Irxoxt fuq iz-Zuntier tal-Knisja.



***27th March**: On Easter Sunday, the Mayor together with the Councillors distributed Easter Eggs to the locality children after the procession of the Risen Christ on the Church Parvis.*

**2 ta' April**: Il-Kunsill Lokali l-Għarb organizza attivita' Rio GOES West ġewwa Pjazza Żjara tal-Madonna. Il-Programm imbeda għal madwar 5pm fejn diversi gruppi ta' żfin kemm Għawdxin kif ukoll Maltin ħadu sehem u pparteċipaw waqt din l-attivita'. Fost id-diversi tipi ta' żfin, kien hemm ukoll il-parteċipazzjoni tar-rebbieħa tal-Junior Eurovision Destiny. Minkejja t-temp ma kienx wieħed favorevoli minħabba l-irjiħat qawwijin, il-parteċipazzjoni kienet waħda numeruża u l-attivita' kienet suċċess.



***2nd April**: L-Għarb Local Council held the activity Rio GOES West at the Għarb main square. The program which started at around 5pm included the participation and performance of various dancing schools from Gozo and also from Malta. Apart the various types of dancing, the event included a special performance by the winner of the Junior Eurovision Destiny. Although the weather was not very good due to strong winds, a good number of people attended and the activity was a success.*

**9 ta' April**: L-Iskema tal-Green MT flimkien mall-Kunsill Lokali l-Għarb tella' ġurnata reċiklaġġ ġewwa l-Għarb fi Pjazza Żjara tal-Madonna. Waqt din l-attivita' r-residenti kienu mistiedna jiġbru l-ħwejjeġ u żraben użati, ħġieġ, flixken tal-Plastic u skart elettroniku u jpoġġuhom ġewwa l-bins provduti matul il-ġurnata.



***9th April**: The Green MT Scheme together with the l-Għarb Local Council held a recycle day at Għarb at Pjazza Żjara tal-Madonna. During this activity, the*

*residents were invited to gather their used clothes and shoes, glass, plastic bottles and electronic waste and deposit it in the provided bins on the day.*

**18 ta' April**: Il-Kunsill Lokali l-Għarb ingħaqad ma' tlett Kunsilli oħra Għawdxin fosthom il-Kunsill ta' Għajnsielem, il-Kunsill taż-Żebbuġ u l-Kunsill tal-Qala fejn flimkien laqgħu delegazzjonijiet taljani minn erba' Kunsilli kollha ġejjin minn Ruma fl-Italja fejn dawn ingħaqdu f'ġemellaġġ ma' dawn il-Kunsilli Għawdxin. Il-lokalita' li ġiet iġemellata mall-Kunsill ta' l-Għarb huwa l-Kunsill ta' San Polo.



***18thApril**: L-Għarb Local Council joined three other Gozitan Councils amongst them the Għajnsielem Local Council, Żebbug Local Council and Qala Local Council and together they hosted an Italian delegation coming from four different localities from Rome, Italy to sign a twinning agreement. In case of l-Għarb Local Council, the twinned partner is the San Polo Local Council.*

**6 ta' Mejju**: Il-Kunsill Lokali l-Għarb ġie mistieden sabiex jattendi għall-okkażjoni 'Valletta Green Festival 2016' organizzat mill-Fondazzjoni Valletta 2018 li ġie mtella' ġewwa Malta. Kien għalhekk li l-Kunsill, bil-kollaborazzjoni tal-Valletta 2018 organizza ħarġa għal Malta, fejn grupp sabiħ ta' residenti attendew. Il-programm inkluda Quddiesa ġewwa l-Knisja tal-Karmnu, żjara ta' Pjazza San Gorg il-Belt Valletta għall-'Valletta Green Festival 2016' fejn setgħu jaraw l-Infiorata – tapit ta' fjuri spettakolari, żaru l-ġonna tal-kunvent tal-klawsura ta' Santa Katarina u tal-Palazz tal-Isqof li



kienet opportunita' unika peress li dawn infetħu għall-pubbliku għall-ewwel darba f'erba' mitt sena. Wara marru għall-ikla ġewwa it-Trulli cafe and restaurant fil-PAMA shopping complex kif ukoll kellhom ħin liberu għas-*shopping* ġewwa Daniels shopping mall.

***6th May:** L-Għarb Local Council was invited by the Foundation Valletta 18 to attend for the event 'Valletta Green Festival 2016'. The Council with the collaboration of the Valletta 2018 organised an outing to Malta for its residents to attend for this event. The program included a Mass followed by a visit to Pjazza San Gorg, Valletta for the 'Valletta Green Festival 2016' where the infiorata – a spectacular carpet of flowers was being held, a visit to St Catherine's convent gardens and the Bishops' Palace where they had a unique experience since these were opened to the public after 400 years. Afterwards they went to have dinner at Trulli Café and Restaurant at the PAMA shopping complex and they also had free time for shopping at Daniel's Shopping Mall.*

**Mejju 2016**: Grupp ta' Infioratori mill-Kunsill Lokali l-Għarb imexxija mis-Sindku David Apap Agius attendew għall-kungress internazzjonali tal-Infiorata ġewwa Noto fi Sqallija. Għal dan il-kungress internazzjonali l-Kunsill Lokali ipparteċipa flimkien ma' numru ta' pajjiżi minn madwar id-dinja. Għal dan il-festival l-artist lokali s-Sur Michael Bajada, ipprepara d-disinn ta' l-Infiorata li kien jikkonsisti f'mara bl-għonella bis-salib tal-Kavallieri ta' Malta u fl-isfond kien hemm il-Knisja Parrokkjali u Bażilika ta' l-Għarb. Dan il-grupp kellu l-opportunita' li jiltaqa' ma' diversi gruppi ta' infioratori minn madwar id-dinja u kiseb tagħrif u metodi li jistgħu jintużaw.



***May 2016**: A group of Infioratori from l-Għarb Local Council managed by the Mayor David Apap Agius went to Noto, Sicily where they attended for the International congress of the Infiorata. They were part of a number of countries from around the world. For this festival, local artist Michael Bajada, prepared the design for the Infiorata that consisted of a women wearing the traditional 'għonnella' with the knights cross of Malta and the Basilica Parish Church of Għarb in the*

*background. This group had the opportunity to meet with different groups from all over the world and also acquired the knowledge and different methods that can be used.*

**2 sas-7 ta' Ġunju**: Saret l-ewwel attivita' – skambju ġewwa Lousa, fil-Portugal bħala parti mill-Proġett 'Network of Twinned Towns'. Is-Sindku David Apap Agius flimkien mall-Kunsilliera preżenti ltaqgħu mall-Kunsill ta' Penela fil-Portugal fejn flimkien iddiskutew il-futur ta' rabta u ħidma għall-ġid tal-lokalitajiet. Għal din il-ġita ngħaqdu mall-Kunsill numru sabih ta' residenti fejn ġew miżjura diversi postijiet ta' nteress. Fost ħafna saru żjarat f'Avila ġewwa Spanja, Porto Douro Oporto u s-seba' pontijiet tax-xmara'Douro', il-muntanja ta' Candal fil-Portugal, l-Universita' ta' Coimbra, Monasteru ta' Batalha, Fatima fejn kien hemm opportunita' unika li jieħdu sehem fil-quddiesa, tour f'Lisbon u żjara f'Salamanca u l-belt ta' Madrid.



***2nd to 7th June**: The first activity of the Project 'Network of Twinned Towns was held in Lousa, Portugal. The Mayor David Apap Agius together with the Councillors meet with the Council of Penela where the future of this project and the importance of the localities were discussed. A good number of residents attended for this visit. Amongst the interesting places visits were held to Avila in Spain, Porto Douro Oporto, the mountain of Candal, the university of Coimbra, Monastery of Batalha, Fatima where they had the opportunity to attend a mass, tour in Lisbon, Salamanca and also a tour of Madrid.*

**19 ta' Ġunju**: Ġie ffirmat kuntratt ta' Proġett ta' night shelter għall-anzjani ġewwa l-Każin tal-Banda. Il-programm beda b'Quddiesa ta' ringrazzjament ġewwa l-Bażilika tal-Għarb segwit b'daqq ta' marċi sal-każin mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni u t-tlugħ tal-bandiera fuq l-każin. Wara ġie ffirmat ftehim li ntlaħaq bejn is-Segretarjat Parlamentari għad-drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva Justyne Caruana, l-Kunsill Lokali l-Għarb u l-Kumitat tal-Banda Viżitazzjoni tal-Għarb ġewwa s-sala tal-każin tal-banda. Dan il-proġett se jsir permezz ta' investiment kapitali inizjali mis-Segretarjat Parlamentari ta' €200,000 u wara se jiġi operat ukoll mill-Gvern permezz tal-ħaddiema pprovduti minnu.



***19th June**: A contract for the Night Shelter for the elderly Project was signed at the Band Club.The program started with a thanksgiving mass at the Għarb Basilica followed by band marches by Għaqda Mużikali Viżitazzjoni followed by the raising of the flag on the Band Club. Afterwards an agreement was signed between the Parliamentary Secretariat for the rights of Persons with disability and the active elderly Hon. Justyne Caruana, l-Għarb Local Council and the Għaqda Mużikali Viżitazzjoni Band Committee. This project is being held through an initial capital investment by the Parliamentary Secretary of €200,000 and after this will be operated also by workers provided by the Government.*

**3 ta' Lulju**: Il-lokalita' ta' l-Għarb iċċelebrat il-festa tar-raħal iddedikata lil Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Eliżabetta. Għall-15 'il sena konsekuttiva, l-Kunsill ta s-sehem tiegħu waqt din il-festa billi organizza l-Infiorata fuq iz-zuntier. It-temi li ffurmaw l-Infiorata ta' din is-sena kienu l-10 Anniversarju mit-twaqqif tal-Club ta' l-Għarb f'Melbourne, s-sena ddedikata għall-ħniena, Mater Misericordiae u l-warda li tfakkar waħda mill-voluntiera żgħar ta' l-Infjorata. Il-Ħadd kmieni wara nofs in-nhar hekk kif spiċċa l-marċ tal-11am għadd ta' voluntiera kemm kbar kif ukoll żgħar inġabru fuq iz-zuntier tal-Knisja sabiex jinbeda x-xogħol fuq l-Infiorata fejn din tlestiet fil-ħin sabiex il-purċissjoni bl-istatwa tal-Viżitazzjoni tgħaddi



minn fuqha. Din is-sena għal waqt il-festa, l-Kunsill Lokali l-Għarb, li huwa membru ta' l-Assocjazzjoni Internazzjonali ta' l-Infioratori laqa' lill-President ta' l-Assoċjazzjoni s-Sinjura Vincenta Pallares Castello minn Spanja u s-Segretarja ta' l-Assoċjazzjoni s-Sinjura Valentina Mammana mill-Italja. Dawn kienu mistiedna mill-Kunsill sabiex jaraw l-Infjorata tiġi preparata għall-okkażjoni tal-festa tar-raħal.

***3rd July**: The locality of Għarb celebrated it's feast dedicated to the Visitation of Our Lady to St. Elizabeth. For the 15th consecutive year, the Council participated during the feast by organizing the Infiorata on the Church Parvis. The themes that formed part of this year's Infiorata included the 10th Anniversary of the setting up of the Għarb club of Melbourne, the year dedicated to the year of mercy, the Mater Misericordiae and a rose in remembrance of one of the young volunteers of the Infiorata. On early Sunday afternoon a number of volunteers varying from young children to adults gathered on the Church Parvis to start works on the Infiorata. This was completed in time for the procession with the Visitation statue to pass over the flower carpet. For this year, during the feast, l-Għarb Local Council who is a member of the international Association of the Infioratori hosted the President of this association Ms. Vincenta Pallares Castello from Spain and the secretary of the Association Ms. Valentina Mammana from Italy. They have been invited by the Council to attend for the preparation of the Infiorata being prepared locally for the occasion of the feast.*

**29 ta' Awissu**: Saret iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum l-Għarb, organizzata mill-Kunsill Lokalita l-Għarb. Il-programm beda b'quddiesa ta' rikonoxximent ġewwa l-Knisja Bażilika, konċelebrata mill-Arċipriet Mons. Joseph Sultana flimkien mal-kapitlu. Wara, itgħellet serata kulturali fil-pjazza li kienet animata b'mużika imtella' mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni. Inqrat poeżija miktuba għall-okkażjoni minn Maria Cassar u moqrija minna stess. Kantanta lokali, Stacy Camenzuli kantat siltiet ta' mużika.Tkantaw siltiet meħuda mill-Ballata – L-Għanja tal-Punent bil-parteċipazzjoni tat-tfal li attendew is-Summer Club tal-parroċċa li inżamm għal sena oħra bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Għarb. Is-Sindku wassal messaġġ tal-okkażjoni. Saret il-preżentazzjoni ta' Premju Qlub Ġenerużi li ngħata lil Josephine Galea preżentat mid-Direttur tal-Kunsilli Lokali – Adrian Mifsud. Premju Volontarjat Lokali li ngħata lil Joseph Cauchi u lil Jahel Brooke mis-Segretarju Parlamentari l-Onor Justyne Caruana fejn wara wasslet diskors ta' l-okkażjoni. Award ieħor bl-isem 'The Għarb Gozitan Cultural Award' din is-sena ġie mogħti lil Mro. Antoine Mercieca u Premju Ġieħ l-Għarb lis-Sur Michael Bajada preżentati mill-Ministru għal-Għawdex, l-Onorevoli Anton Refalo segwit b'diskors ta' l-okkażjoni mill-Ministru Refalo. Kant mit-tfajla Leya Attard b'siltiet mużikali bil-vuċi sabiħa tagħha. Is-serata ingħalqet bil-qsim ta' cake ta' l-okkażjoni u wara sar reċiviment għal kull min kien preżenti.











**29th August**: *L-Għarb Local Council organized Għarb Day Celebration. The program started with a thanksgiving mass at the Għarb Parish Basilica, celebrated by Archpriest Joseph Sultana along with the Chapter. Afterwards a cultural event was held at Pjazza Żjara tal-Madonna and was animated by music held by Għaqda Mużikali Viżitazzjoni. A local resident Maria Cassar wrote a poem for the occasion which she read during the evening. Stacy Camenzuli, a local singer sang various songs as part of the program. Students participating to the Parish Summer Club participated with parts of the Musical – L-Għanja tal-Punent from the Ballata. The Summer Club was held in collaboration with the l-Għarb Local Council as in previous years. The Mayor David Apap Agius gave his speech for the occasion. The Award of 'Qlub Ġerenużi' was presented by the Local Council Director Adrian Mifsud to Josephine Galea. The Award for Local Volunteer, was awarded to Joseph Cauchi and Jahel Brooke which was presented by the Parliamentary Secretary Hon. Justyne Caruana followed by a speech for the occasion. The Għarb Gozitan Cultural Award this year was awarded to Mro. Antoine Mercieca and 'Ġieħ l-Għarb' Award to Mr. Michael Bajada presented by the Minister for Gozo Hon. Anton Refalo followed by a speech for the occasion. Leya Attard a local young singer participated during this event. The evening ended by the cutting of the cake and a reception for all those present.*

**15 – 20 ta' Settembru***:* Delegazzjoni mill-Għarb telgħet fl-Italja sabiex tiltaqa' għal darb'oħra għat-tieni appuntament tal-proġett 'Network of Twinned Towns'. L-ewwel żjara saret ġewwa Ortezzano fejn hemm hekk ipparteċipaw ukoll il-*partners* tal-pajjiżi l-oħra. Is-Sindku ta' Ortezzano s-Sinjura Giusy Scendoni laqgħet b'ħeġġa lil dawn id-delgazzjonijiet fejn magħhom għamlu diversi laqgħat u workshops relatati mall-proġett. It-tieni parti ta' dan il-programm inkluda żjara ġewwa Gerano fejn ġew milqugħa mis-Sindku tal-post is-Sur Danilo Felice u saru workshops u laqgħat oħra. Id-delegazzjonijiet ġew meħuda fuq id-diversi postijiet ta' interess fosthom il-Belt ta' Fermo, Mużewijiet, Roman Cisterns, Subiaco, l-Monasteru Benedittin kif ukoll il-Belt ta' Ruma.



***15th – 20th September****: A delegation from Għarb went to Italy for the second appointment as part of the project 'Network of Twinned Towns'. The first visit was held in Ortezzano with the participation of all countries involved in the twinning project. The Mayor of Ortezzano, Giusy Scendoni welcomed all the delegations present. Together they lead a meeting and carried out workshops related to the project. Other meetings and workshops where held for the second part of the program in Gerano where they were welcomed by the Mayor Danilo Felice. All delegations visited places of interest amongst others the City of Fermo, various museums, Roman Cisterns, Subiaco, the Benedict Monastery and also Rome.*

**16 – 22 ta' Settembru**: Il-Kunsill Lokali l-Għarb kien parti mill-European Mobility Week wara li ħa l-inizjattiva sabiex japplika u l-applikazzjoni ġiet milqugħa. Din is-sena l-Kunsill ħa sehem fuq firxa ta' ġimgħa bejn is-16 u t-22 ta' Settembru fejn fit-22 il-Kunsill organizza ġurnata attivitajiet. Matul id-dati l-imsemmija tpoġġiet zebra crossing fil-parti d-dejqa ta' ħdejn il-knisja bi prova u nġabbret l-opinjoni tal-pubbliku inġenerali. Bħala parti minn din l-attivita' l-Kunsill organizza ukoll ġbir ta' materjal goff bla ħlas mir-residenzi fejn kellna konkorrenza kbira ta' parteċipanti. Bħala parti mill-European Mobility Week fit-22 ta' Settembru, Pjazza Żjara tal-Madonna kienet magħluqa għat-traffiku fejn kienu għaddejjin diversi attivitajiet fosthom kien hemm sett ta' ħames roti fejn wieħed seta' juża għall-matul il-ġurnata bla ħlas, sar ġbir ta' ħwejjeġ użati, kien hemm self-testing tal-karozza ta' l-elettriku tal-Kunsill, kien hemm ukoll il-parteċipazzjoni tas-Segway Tours fejn saru tours bla ħlas għal kull min ipparteċipa. Bħala għeluq ta' din il-ġurnata ta' attivitajiet, saret esebizzjoni u kompetizzjoni tal-BMX mill-grupp Malti tal-BMX u fl-aħħar ingħataw trophies lir-rebbieħa. Kull min ħa sehem f'xi attivita' li saret, ingħata biljett tal-lotterija u fl-aħħar tas-serata ittellgħet rota ta' l-elettriku fejn ir-rebbieħa kienet Elizabeth Cauchi. L-Għan ta' dawn l-attivitajiet kien li nħeġġu lin-nies b'mod speċjali lir-residenti sabiex jużaw metodu alternattiv għall-karozzi u mezzi oħra li joħolqu tniġġis lill-arja u jużaw mezzi oħra bħal mixi, użu

ta' rota manwali kif ukoll tal-elettriku eċċ.. Grazzi lil kull min għoġbu jingħaqad magħna u jippartecipa f'dawn l-attivitajiet.



***16th – 22nd September**: L-Għarb Local Council submitted an application which was accepted to organise the European Mobility Week activities. This year the Council organised a whole week of activities between the 16th and the 22nd of September where on the 22nd the Council organised a full day of activities. During the mentioned dates a temporary zebra crossing was installed at the narrow part near the Church where feedback was gathered from the general public. As part of this event the Local Council organised the collection of bulky waste from households free of charge where a number of participants took part and used this service. On the 22nd September, Pjazza Żjara tal-Madonna was closed to traffic so that activities could be held during throughout the day. Such activities included the provision of a set of 5 bicycles for hire free of charge to use during the day, collection of used clothes, self testing of the Council's Eco Car and also Segway Tours which offered a unique experience. All these mentioned activities were offered free of charge. In the evening a BMX show and competition was held, and trophies were distributed to the winners. Everyone who took part in the mentioned activities were given a lottery ticket and at the end of the event an electric bike was won by Elizabeth Cauchi. The aim of these activities was to encourage the general public to make more use of alternative methods such as walking or use of electric vechicles/bicycles etc. L-Għarb Local Council would like to thank everyone who joined us and took part in these activities.*

**31 ta' Ottubru**: Il-Kunsill Lokali l-Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Iskola Primarja Karmni Grima żamm attivita' tal-Halloween ġewwa l-hall tal-iskola għall-istudenti li jattendu l-Iskola Primarja l-Għarb. L-istudenti kellhom *balloon modelling* u kien hemm preżenti l-karattri ta' Tom & Jerry b'ilbies tal-Halloween kif ukoll trick or treat fejn l-istudenti ngħataw borża ħelu kull wieħed. Il-Kunsill qassam *popcorn* u *juice* lit-tfal kollha preżenti. Din żgur kienet attivita' memorabbli għall-istudenti.



***31st October**: L-Għarb Local Council with the collaboration of Għarb Primary School held a Halloween activity at the school hall for l-Għarb Primary School students. During this activity, the students had balloon modelling and participation by the Tom & Jerry characters wearing the Halloween Costume and they also had a trick or treat where all students were given sweets. The Council distributed popcorn and juice to all the students. It was a fun and memorable activity for all the students.*

**27 ta' Ottubru**: Saret preżentazzjoni tar-rota tal-elettriku lir-rebbieħa Elizabeth Cauchi ġewwa l-Kunsill Lokali l-Għarb mis-Sindku David Apap Agius bħala parti mill-European Mobility Week 2016.



***27th October**: L-Għarb Local Council held a presentation of the electiric bike to the winner Elizabeth Cauchi at the Local Council by the Mayor David Apap Agius as part of the European Mobility Week 2016.*

**27 ta' Ottubru**: Is-Sindku David Apap Agius attenda u kien parti waqt konferenza li saret ġewwa l-Mellieħa Holiday Complex. Waqt din il-konferenza saru diskussjonijiet dwar kif il-proġett ta' l-EDEN jista' jkun ta' eżempju għall-lokalitajiet oħra biex jieħdu sehem, u l-passi li jridu jittieħdu mil-lokalitajiet distinti li jħaddnu

din il-marka tant prestiġjuża ta' Destinita' Ewropeja ta' Eċċellenza. L-Għarb huwa wieħed mis-sitt lokalitajiet li ngħata dan l-award. Lokalitajiet li rebħu dan l-award huma: il-Manikata - Mellieħa, Senglea, Nadur, Santa Luċija - Kerċem, l-Għarb u Xagħra. Fl-intervent tal-Ministru Zammit Lewis faħħar lis-sitt lokalitajiet li jħaddnu dan l-award u enfasizza li aktar lokalitajiet għandhom jieħdu l-eżempju u jagħmlu xi haġa sabiex huma wkoll ikunu lokalitajiet distinti. Il-President tal-Assoċjazzjoni Mr Xavier Lechien fisser il-pjan għall-quddiem sabiex id-destinazzjonijiet ikunu aktar viżibli fix-xenarju internazzjonali. Dan il-proġett jippromwovi turiżmu sostenibbli ma' l-Ewropa kollha.



***27th October**: The Mayor, David Apap Agius attended and was part of a conference held at the Mellieħa Holiday Complex. During the conference discussions were held of how the EDEN project can be of an example for other municipalities to participate, and the steps to be taken by the distinct localities so to embrace this prestigious award. L-Għarb is one of the localities that was granted this award. Other localities that have been granted this award are: Manikata - Mellieħa, Senglea, Nadur, Santa Luċija - Kerċem, l-Għarb and Xagħra. During his intervention, Minister Lewis Zammit praised these localities and emphasized the importance to embrace this award and also mentioned the importance that more localities should follow this example and to do something so that they can also obtain the EDEN Award. The President of the association Mr. Xavier Lechien explained the future plan for these destinations to be more visible on the international scenario. This project promotes sustainable tourism throughout Europe.*

**13 ta' Novembru**: Il-Kunsill Lokali l-Għarb organizza ħarġa kulturali ġewwa Malta fejn attendew numru sabiħ ta' residenti. Semgħu quddiesa ġewwa l-Knisja ta' San Martin, kien hemm ħin liberu l-Fiera ta' San Martin. Il-grupp ingħata ikla ta' nofsinhar. Din żgur kienet ħarġa sabiħa għal kull min attenda.

***13th November**: L-Għarb Local Council organised a cultural outing to Malta where a number of residents attended. The group attended a mass at St Martin Church followed by free time at St Martin fair. The group was also provided with lunch. This was a nice outing to all those who attended.*

**26 ta' Novembru**: Żjara mill-President ta' Malta l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca ġewwa Pjazza Żjara tal-Madonna bħala parti mill-ftuħ tal-Kampanja tal-Community Chest Fund kif ukoll fetħet il-Milied fl-Għarb billi xegħlet id-dawl tal-Milied. Din l-attivita' saret bil-parteċipazzjoni tal-kor tal-parroċċa 'Hebron' fejn kantaw diversi siltiet inkluż l-Innu Malti mat-tluq tal-Pesident.

***26th November**: A visit by the President of Malta H.E. Marie Louise Coleiro Preca in our locality as part of the Community Chest Fund Campaign. The President also officially opened the Christmas in Għarb by lighting up the Christmas lights. This activity was held with the participation of the parish choir 'Hebron' where they sang various songs including the Maltese anthem whilst the President was leaving from Għarb.*

**4 ta' Diċembru**: Saret l-inawgurazzjoni tal-Monument ta' l-Isqof Emeritu Nikol Ġ. Cauchi b'ċerimonja ġewwa l-Pjazza Żjara tal-Madonna. L-attivitajiet ingħataw bidu permezz ta' marċijiet mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni matul Triq il-Knisja sal-Pjazza fejn għadd ta' nies ingħaqdu mall-Kunsill għal din iċ-ċerimonja.



***4th December**: On Sunday 4th December, a ceremony was held at Għarb Square, Pjazza Żjara tal-Madonna to inaugurate Bishop Emeritus Nikol Ġ. Cauchi Monument. The activities began with band marches by Għaqda Mużikali Viżitazzjoni along Church street to Għarb Square where a number of persons joined the Council for this ceremony.*

## Statement of comprehensive income for year ended 31 December 2015

| | € |
|---|---|
| INCOME | |
| Funds received from central government | 344,926.00 |
| Income from Local Enforcement System | 867.00 |
| General Income | 20,651.00 |
| | **366,444.00** |
| EXPENDITURE | |
| Personal emoluments | -70,724.00 |
| Operations and maintenance | -114,301.00 |
| Administration and other expenditure | -189,931.00 |
| | **-374,956.00** |
| Operating Surplus for the year | -8,512.00 |
| Investment income | 158.00 |
| Finance costs | -4,968.00 |
| **Total Comprehensive Income for the year/period** | **-13,322.00** |

## OPERATIONS AND MAINTENANCE

| | € |
|---|---|
| **Repairs and Upkeep:** | |
| Road and Street Pavements (patching works) | 2,193.00 |
| Repairs and upkeep | 11,347.00 |
| Signs and road markings | 1,821.00 |
| Office furniture and Equipment | 2,331.00 |
| M323 Restoration Project | 55,017.00 |
| **Total** | **72,709.00** |
| **Contractual Services:** | |
| Refuse Collection (including bins on wheels) | 18,678.00 |
| Bulky Refuse Collection (including open skips) | 867.00 |
| Road and Street Cleaning (mechanical and manual) | 1,450.00 |
| Cleaning and maintenance of Public Conveniences | 3,911.00 |
| Cleaning and Maintenance of non-urban | |
| Cleaning and Maintenance of council premises | 275.00 |
| Street Lighting | 10,951.00 |
| Other | 5,460.00 |
| | **41,592.00** |
| **Total Operations and Maintenance Expenses** | **114,301.00** |
| ADMINISTRATION AND OTHER EXPENDITURE 2015 | |
| Utilities | 10,567.00 |
| Materials and supplies | 7,048.00 |
| Rent | 3,126.00 |
| National and International memberships | 547.00 |
| Office Services | 7,436.00 |
| Transport | 1,239.00 |
| Travel | 966.00 |
| Information Services | 1,010.00 |
| Professional Services | 14,608.00 |
| Training | |
| Community and Hospitatlity | 29,715.00 |
| Depreciation | 113,669.00 |
| | **189,931.00** |


COMPASS
MOTOR
MARINE
TRAVEL
HOME
BUSINESS
HEALTH





# FRENDO AUTOMOTIVE

**Tel: 2155 0087 / 9943 6667**

**Authorized Repairs & Services for:**


FRENDO AUTOMOTIVE

FRENDO AUTOMOTIVE